REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1953

tad-29 ta' Ottubru 2015

li jimponi dazju definittiv tal-anti-dumping fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti bi grani orjentati irrumblati ċatti ta' azzar manjetiku tas-silikon li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, il-Ġappun, ir-Repubblika tal-Korea, il-Federazzjoni Russa u l-Istati Uniti tal-Amerka

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ("ir-Regolament Bażiku") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tiegħu,

Billi:

A. PROĊEDURA

1. Miżuri provviżorji

(1) Fit-13 ta' Mejju 2015, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") imponiet dazju provviżorju tal-anti-dumping fuq ċerti prodotti bi grani orjentati rrumblati ċatti ta' azzar manjetiku tas-silikon ("GOES") li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("RPĊ"), il-Ġappun, ir-Repubblika tal-Korea ("il-Korea"), il-Federazzjoni Russa ("ir-Russja") u l-Istati Uniti tal-Amerka ("USA") (flimken, imsejħa "il-pajjiżi kkonċernati") permezz tar-Regolament (UE) Nru 2015/763 ("ir-Regolament provviżorju") ([2]).

(2) Il-proċediment beda fl-14 ta' Awwissu 2014 wara lment imressaq fit-30 ta' Ġunju 2014 mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Azzar ("EUROFER" jew "l-ilmentatur") f'isem il-produtturi li jirrappreżentaw aktar minn 25 % tal-produtturi totali ta' GOES fl-Unjoni.

(3) Kif stipulat fil-premessa (15) tar-Regolament provviżorju, l-investigazzjoni ta' dumping u dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2013 sat-30 ta' Ġunju 2014 ("il-perjodu ta' investigazzjoni" jew il-"PI"). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tad-danni kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2011 sa tmiem il-perjodu tal-investigazzjoni ("il-perjodu kkunsidrat").

2. Proċedura Sussegwenti

(4) Wara d-divulgazzjoni tal-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali, li fuq il-bażi tagħhom ġie impost dazju anti-dumping provviżorju ("d-divulgazzjoni provviżorja"), għadd ta' partijiet interessati ressqu sottomissjonijiet bil-miktub biex jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar is-sejbiet provviżorji. Il-partijiet li għamlu din it-talba ngħataw l-opportunità li jinstemgħu. Is-seduti ta' smigħ mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali saru ma' produtturi esportaturi Ġappuniżi, JFE Steel Corporation u Nippon Steel & Sumitoma Metal Corporation.

(5) Kif stipulat fil-premessi (27), (224) u (239) tar-Regolament provviżorju, il-Kummissjoni kompliet tfittex u tivverifika l-informazzjoni kollha li dehrilha li kienet meħtieġa għas-sejbiet definittivi tagħha. Twettqu ħames żjarat addizzjonali ta' verifika wara l-impożizzjoni tal-miżuri provviżorji fl-istabbilimenti tal-utenti li ġejjin fl-Unjoni Ewropea:

— Siemens Aktiengesellschaft, München, il-Ġermanja

— ABB AB, Brussels, il-Belġju

— SGB-Smit Group, Regensburg, il-Ġermanja

— Končar — Distribution and Special Transformers, Inc., Zagreb, il-Kroazja

— Schneider Electric S.A., Metz, Franza

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 2015/763 tat-12 ta' Mejju 2015 li jimponi dazju provviżorju tal-anti-dumping fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti bi grani orjentati irrumblati ċatti ta' azzar manjetiku tas-silikon ("GOES") li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, il-Ġappun, ir-Repubblika tal-Korea, il-Federazzjoni Russa ("ir-Russja") u l-Istati Uniti tal-Amerka (ĠU L 120, 13.5.2015, p. 10).

(6) Barra minn hekk, saru tliet żjarat addizzjonali ta' verifika fil-bini tal-produtturi tal-Unjoni li ġejjin:

— ThyssenKrupp Electrical Steel UGO SAS, Isbergues, Franza

— ThyssenKrupp Electrical Steel GmbH, Gelsenkirchen, il-Ġermanja

— Tata Steel UK Limited (Orb Electrical Steels), Newport, ir-Renju Unit

(7) Il-partijiet kollha ġew mgħarrfa bil-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom il-Kummissjoni kien fi ħsiebha timponi l-miżuri tal-anti-dumping definittivi. Huma ngħataw ukoll perjodu li fih setgħu jagħmlu rappreżentazzjonijiet wara din id-divulgazzjoni. Saret seduta ta' smigħ mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali ma' assoċjazzjoni tal-utenti.

(8) Il-Kummissjoni kkunsidrat il-kummenti verbali u bil-miktub ippreżentati mill-partijiet interessati, u fejn xieraq, immodifikat is-sejbiet skont dan.

B. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI

(9) Kif stipulat fil-premessa (16) tar-Regolament provviżorju, il-prodott ikkonċernat huma prodotti bi grani orjentati rrumblati ċatti ta' azzar manjetiku tas-silikon, li għandhom ħxuna ta' iżjed minn 0,16 mm li joriġinaw mir-RPĊ, il-Ġappun, il-Korea, ir-Russja u l-Istati Uniti tal-Amerka, li attwalment jaqagħu taħt il-kodiċi NM ex 7225 11 00 u ex 7226 11 00 ("il-prodott ikkonċernat").

(10) Xi partijiet interessati sostnew li l-prodott ikkonċernat, kif stabbilit fil-premessa (16) tar-Regolament provviżorju, u l-prodott simili mhumiex l-istess kif iddikjarat fil-premessa (22) tar-Regolament provviżorju billi ma għandhomx l-istess karatteristiċi fiżiċi u kimiċi u ma jintużawx għall-istess għanijiet. Tliet produtturi esportaturi, assoċjazzjoni ta' utenti u żewġ utenti individwali sostnew li l-permeabilità għolja u/jew tipi raffinati skont il-qasam tal-prodott ikkonċernat għandhom jiġu esklużi mill-ambitu tal-investigazzjoni peress li dawn it-tipi jew mhumiex prodotti fi kwantitajiet suffiċjenti jew ma ġewx prodotti assolutament fl-Unjoni. Wieħed minn dawn il-produtturi esportaturi speċifika li għandu jkun hemm tipi tal-prodott ikkonċernat b'telf massimu fil-qalba ta' 0,90 W/kg u inqas b'polarizzazzjoni manjetika ta' aktar minn 1,88 T. Produttur esportatur ieħor talab l-esklużjoni ta' tipi b'telf massimu fil-qalba ta' 0,95 W/kg u inqas minħabba s-sovrapożizzjoni kompetittiva limitata ma' prodotti offruti mill-industrija tal-Unjoni. Produttur esportatur ieħor argumenta li tipi tal-prodott ikkonċernat b'telf massimu fil-qalba ta' 0,90 W/kg 1,7T/50 Hz jew inqas u b'permeabbiltà (induzzjoni) ta' 1,88 T jew aktar kif ukoll tipi b'telf massimu fil-qalba ta' 1,05 W/kg 1,7T/50 Hz jew inqas u b'permeabbiltà (induzzjoni) ta' 1,91 T jew aktar għandhom jiġu esklużi. Barra minn hekk, utent argumenta li t-tipi tal-prodott ikkonċernat b'telf massimu fil-qalba ta' 0,80 W/kg 1,7T/50 Hz jew inqas kif ukoll it-tipi ta' storbju baxx B 800 fattur ta' 1,9 T jew aktar għandhom ikunu esklużi. Uħud minnhom argumentaw li t-tipi ta' prodotti bit-telf fil-qalba l-aktar baxx għandhom karatteristiċi u użi aħħarin sinifikattivament differenti, u għalhekk ma jinxtrawx mill-istess konsumaturi u ma jikkompetux ma' tipi oħrajn tal-prodott ikkonċernat. Barra minn hekk, utent ieħor argumenta li għandhom jitwettqu żewġ analiżijiet separati tad-dannu, il-kawżalità u l-interess tal-Unjoni. Fl-aħħar nett, utent ieħor talab l-irtirar tal-miżuri provviżorji, u, jekk dan ma jkunx possibbli, li għall-inqas it-tipi b'permeabilità għolja (jiġifieri tipi b'telf massimu fil-qalba ta' 0,90 W/kg u anqas) għandhom jiġu esklużi mill-ambitu tal-prodott.

(11) Wara d-divulgazzjoni finali, diversi partijiet interessati tennew l-istess talba. Utent argumenta li l-fatt li l-Kummissjoni stabbiliet prezzijiet minimi separati ta' importazzjoni għal tliet kategoriji differenti ta' GOES wera r-rilevanza li jiġu kkunsidrati l-kategoriji differenti separatament u għalhekk l-esklużjoni tkun ġustifikata.

(12) Il-Kummissjoni qieset li l-prodott ikkonċernat, irrispettivament mit-telf fil-qalba jew mil-livelli ta' storbju, kemm jekk prodotti konvenzjonali jew b'permeabbiltà għolja, huma prodotti tal-azzar illigat irrumblati ċatti bi struttura bi grani orjentati li tippermetti li l-prodott jikkonduċi kamp manjetiku. Dan l-orjentament tal-grani jdejjaq il-karatteristiċi tekniċi u fiżiċi tal-azzar sa stat ta' prodott uniku li jkollu struttura ta' grani kbira b'mod straordinarju. Għaldaqstant, id-definizzjoni tal-prodott tinkludi prodott definit sew. Instab ukoll li t-tipi kollha tal-prodott ikkonċernat għandhom l-istess kimika u għandhom użu prinċipali wieħed, jiġifieri fil-produzzjoni ta' transformers. Barra minn hekk, hemm grad ta' interkambjabbiltà bejn it-tipi differenti tal-prodott ikkonċernat.

(13) Dwar l-argument li l-esklużjoni tkun iġġustifikata minħabba produzzjoni insuffiċjenti ta' xi tip partikolari tal-prodott ikkonċernat minn prodotturi tal-Unjoni, għandu l-ewwel nett jiġi mfakkar li xejn fir-Regolament bażiku ma jirrikjedi li t-tipi kollha tal-prodott ikkonċernat jiġu prodotti mill-industrija tal-Unjoni fuq skala kummerċjali. Barra minn hekk, diversi tipi ta' prodott b'permeabilità għolja ġew prodotti mill-industrija tal-Unjoni fl-IP. Kif imsemmi fil-premessa (131) hawn taħt, il-verifika wriet ukoll li l-produtturi tal-Unjoni kienu qed jinvestu fil-produzzjoni tat-tipi b'permeabilità għolja tal-prodott ikkonċernat li tippermettilhom iżidu l-produzzjoni ta' GOES b'permeabilità għolja. Barra minn hekk, kif intqal fil-premessa (12), id-definizzjoni tal-ambitu tal-prodott li qed jiġi investigat hija rregolata mill-karatteristiċi tekniċi ta' GOES. L-esklużjoni mitluba tista' tnaqqas il-livell ta' protezzjoni kontra dumping inġurjuż ulterjuri fir-rigward tat-tipi partikolari b'permeabilità għolja u b'hekk jipperpetwaw ir-rati ta' produzzjoni preżenti mill-industrija tal-Unjoni. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-fatt li ċerti tipi ta' prodotti ta' GOES b'permeabilità għolja mhumiex prodotti mill-industrija tal-Unjoni mhuwiex biżżejjed bħala raġuni biex jiġu esklużi mill-ambitu tal-prodott.

(14) Dwar l-allegazzjoni li s-separazzjoni fi tliet kategoriji differenti ta' GOES (ara l-premessa (11)) uriet li l-esklużjoni hija ġġustifikata, huwa mfakkar li l-investigazzjoni tkopri l-prodott ikkonċernat kif definit fil-premessa (9) u għalhekk, saret analiżi komprensiva ta' dannu, analiżi tal-kawżalità u analiżi tal-interess tal-Unjoni. Il-fatt li l-Kummissjoni rrikonoxxiet id-differenzi fil-kwalità bejn it-tipi differenti ta' prodotti u li dawn id-differenzi fil-kwalità ġew ikkunsidrati fid-deċiżjoni dwar il-forma tal-miżuri fil-qafas tat-test tal-interess tal-Unjoni, kif spjegat hawn taħt fil-premessa (172), ma jistax ikun raġuni li jinbidel l-ambitu tal-miżuri.

(15) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni ma laqgħetx it-talbiet intiżi sabiex jiġu esklużi dawn it-tipi ta' prodotti mill-ambitu tal-prodott. Madankollu, il-Kummissjoni qieset id-differenzi fil-kwalità għall-forma tal-miżura (ara l-premessa (172)).

(16) Produttur esportatur Russu argumenta li minn naħa it-tipi esportati "tal-ewwel għażla" tal-prodott ikkonċernat (li kienu aktar ċatti u kellhom anqas truf iwweldjati) u min-naħa l-oħra it-tipi esportati tagħhom "tat-tieni" u "t-tielet" għażla (b'diversi difetti, għadd ta' truf iwweldjati u anqas ċatti) huma, skont il-prattika tal-Industrija Russa, mhux interkambjabbli bl-ebda mod (miż-żewġ naħat) u jikkostitwixxu prodotti differenti. Għalhekk, huma argumentaw li l-materjal "tat-tieni" u "tat-tielet għażla" tagħhom għandu jkun eskluż mill-ambitu tal-prodott.

(17) Wara d-divulgazzjoni finali, il-produttur esportatur Russu rrepeta d-dikjarazzjoni tiegħu u allega li t-tipi esportati "tat-tieni" u "t-tielet" għażla jistgħu jintużaw biss fl-industrija tat-transformers f'ċerti applikazzjonijiet limitati jekk ikunu pproċessati aktar fiċ-ċentri ta' servizzi tal-azzar u għalhekk għandhom jiġu eskluži.

(18) Id-deskrizzjoni attwali u l-kodiċi NM tal-prodott ikkonċernat jinkludu potenzjalment varjetà wiesgħa ta' tipi mill-perspettiva tal-kwalità. Madankollu l-produzzjoni ta' prodott ta' kwalità aktar baxxa kemm mill-produtturi tal-Unjoni kif ukoll dawk esportaturi hija inerenti għall-proċess tal-produzzjoni u t-tipi ta' kwalità aktar baxxa huma magħmulin mill-istess materjal bażiku u fuq l-istess tagħmir tal-produzzjoni. It-tipi esportati hekk imsejħa "tat-tieni" u "t-tielet" għażla jinbiegħu wkoll għall-użu fin-negozju tat-transformers, u jissodisfaw bis-shiħ id-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat. Il-fatt li jkun hemm bżonn ipproċessar ulterjuri mhuwiex insolitu u ma jistax ikun raġuni biex jiġi eskluż tip ta' prodott. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet din it-talba.

(19) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-prodott ikkonċernat prodott u mibjugħ fil-pajjiżi kkonċernati u dak prodott u mibjugħ mill-industrija tal-Unjoni huma simili, fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku. Il-premessi minn (16) sa (21) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

C. **ID-DUMPING**

1. **Metodoloġija ġenerali**

(20) Billi ma kien hemm l-ebda kumment ieħor fuq il-metodoloġija ġenerali tal-Kummissjoni użata għall-kalkolu tad-dumping, il-premessi (33) sa (45) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

2. **Ir-Repubblika tal-Korea**

2.1. *Il-valur normali*

(21) Wara id-divulgazzjoni provviżorja, l-uniku produttur esportatur indika li l-imposti tal-kumpanija tal-merkanzija interna u l-immaniġġar kellhom jitnaqqsu mill-valur normali. Barra minn hekk, il-kost tal-konverżjoni minn koljaturi sħaħ għal koljaturi mifruqa kellu jiġi aġġustat bi ftit. Skont il-metodoloġija ġenerali kif stabbilit fil-premessa (56) tar-Regolament provviżorju, din it-talba ġiet aċċettata u l-kalkoli ġew emendati skont il-każ. Konsegwentement, is-sejbiet fil-premessa (46) tar-Regolament provviżorju huma emendati fir-rigward tal-produttur esportatur.

2.2. *Il-prezz tal-esportazzjoni*

(22) Il-produttur esportatur sostna li kien jifforma entità ekonomika waħda mal-kumpaniji tal-kummerċ tiegħu u l-kumpaniji relatati tiegħu fl-Unjoni u għalhekk ma kien meħtieġ l-ebda aġġustament skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku biex jiġi ddeterminat il-prezz tal-esportazzjoni.

(23) Ma hemmx dubju li l-produttur esportatur u l-importaturi relatati jappartjenu għall-istess grupp ta' kumpaniji. Għalhekk, hu meqjus li teżisti assoċjazzjoni bejniethom. F'ċirkostanzi bħal dawn, il-Kummissjoni trid taħdem il-prezz tal-esportazzjoni skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku. It-talba hija għalhekk irrifjutata u l-premessi (50) sa (54) tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

2.3. *Paragun*

(24) Il-produttur esportatur iddikjara wkoll aġġustament kummerċjali taħt l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku bl-argument li l-bejgħ domestiku sar min-negozjanti relatati lill-utenti finali filwaqt li l-bejgħ għall-esportazzjoni kien de facto kostruwit bħala prezz għad-distributuri minħabba li l-Kummissjoni naqqset l-SG&A u l-marġini tal-profitt għan-negozjanti relatati fl-Unjoni skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku.

(25) Il-fatt li l-prezz tal-esportazzjoni ġie kostruwit skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku ma jfissirx li nbidel il-livell tal-kummerċ li fih ġie ddeterminat il-prezz tal-esportazzjoni. Il-bażi għall-prezz tal-esportazzjoni kostruwit jibqa' l-prezz iċċarġjat lill-utenti finali. F'dal każ ma hemmx bżonn livell ta' aġġustament tal-kummerċ peress li l-produttur esportatur kien qed ibigħ fl-istess livell ta' kummerċ kemm fis-suq domestiku u kemm fis-suq tal-Unjoni. Fi kwalunkwe każ, il-produttur esportatur ma pprovda ebda evidenza li l-allegata differenza fil-livell tal-kummerċ affettwat il-kumparabbiltà tal-prezzijiet, kif muri bid-differenzi konsistenti u distinti fil-funzjonijiet u l-prezzijiet tal-bejjiegħ għad-diversi livelli tal-kummerċ fis-suq domestiku tal-pajjiż esportatur. Pjuttost, huwa sempliċement allega li l-aġġustament għandu jkun daqs l-aġġustament li sar skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku biex jiġi kostruwit il-prezz tal-esportazzjoni. Għaldaqstant, dan l-argument ma ġiex aċċettat.

2.4. *Marġinijiet tad-dumping*

(26) Bħala riżultat tal-emendi li saru għall-valur normali skont il-premessa (21) ta' hawn fuq, il-marġnijiet definittivi ta' dumping għall-Korea huma emendati kif ġej:

Pajjiż	Il-kumpanija	Marġni ta' dumping definittiva
Ir-Repubblika tal-Korea	POSCO, Seoul	22,5 %
	Il-kumpaniji l-oħra kollha	22,5 %

3. **Ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina**

3.1. *Pajjiż analogu*

(27) Ma waslu l-ebda kummenti oħra dwar l-użu tar-Repubblika tal-Korea bħala pajjiż analogu. Il-Kummissjoni tikkonferma l-konklużjonijiet fil-premessi (65) sa (71) tar-Regolament Provviżorju.

3.2. *Il-valur normali*

(28) Il-valur normali għaż-żewġ produtturi esportaturi fir-RPĊ kien determinat fuq il-bażi tal-prezz jew il-valur normali maħdum fil-pajjiż analogu, f'dan il-każ fil-Korea, skont l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bBażiku.

(29) Il-valur normali tal-kumpaniji Ċiniżi ġie emendat skont l-emenda tal-valur normali stabbilit għall-Korea, kif spjegat fil-premessa (21) ta' hawn fuq.

3.3. *Il-prezz tal-esportazzjoni*

(30) Fl-assenza ta' kummenti oħra dwar il-prezz tal-esportazzjoni, il-premessi (73) u (74) tar-Regolament provviżorju, qegħdin jiġu kkonfermati.

3.4. *Paragun*

(31) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra fir-rigward tat-tqabbil tal-valur normali u l-prezzijiet tal-esportazzjoni, il-premessi minn (75) sa (78) tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

3.5. *Marġinijiet tad-dumping*

(32) Fuq il-bażi tat-tweġibiet tagħhom għall-kwestjonarju, il-Kummissjoni stabbiliet fil-premessa (80) tar-Regolament provviżorju li ż-żewġ produtturi esportaturi kienu relatati permezz ta' sjieda komuni. Għalhekk kien stabbilit b'mod provviżorju marġni tad-dumping uniku għaż-żewġ kumpaniji fuq il-bażi tal-medja ponderata tal-marġnijiet tad-dumping individwali tagħhom.

(33) Iż-żewġ produtturi esportaturi Ċiniżi li kkooperaw (Baosteel u WISCO) ikkontestaw id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tittrattahom bħala kumpaniji relatati u li għalhekk għandhom dazju tad-dumping medju ponderat wieħed. Huma argumentaw li jikkompetu kemm fis-suq domestiku kif ukoll fis-suq tal-esportazzjoni.

(34) Il-Kummissjoni ttenni li ż-żewġ produtturi esportaturi li kkooperaw huma relatati permezz ta' sjieda statali komuni. Madankollu, fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, dawn il-kumpaniji ftit għandhom interess li jikkoordinaw l-attivitajiet tal-esportazzjoni tagħhom wara l-impożizzjoni tal-miżuri minħabba l-fatt li, kif spjegat fid-dettall fil-premessi (175) u (176) hawn taħt, il-miżuri jikkonsistu f'dazju li jvarja bbażat fuq l-istess prezz minimu tal-importazzjoni għall-produtturi esportaturi kollha. Għaldaqstant fl-istadju definittiv il-Kummissjoni kkunsidrat li mhuwiex meħtieġ li wieħed jikkonkludi jekk iż-żewġ kumpaniji għandhomx jiġu ttrattati bħala entità waħda skont l-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku. Għall-finijiet ta' din l-investigazzjoni, ġew stabbiliti għalhekk żewġ marġnijiet separati tad-dumping.

(35) Wara d-divulgazzjoni finali, l-ilmentatur argumenta li żewġ rati ta' dazju individwali għaż-żewġ produtturi esportaturi Ċiniżi jistgħu jwasslu biex jiġu kkoordinati l-attivitajiet ta' esportazzjoni meta l-prezzijiet jaqgħu taħt il-prezz minimu tal-importazzjoni (PMI). Huma sostnew li għandha tiġi stabbilita rata waħda ta' dazju għat-tnejn. Madankollu, kif imsemmi hawn fuq, fiċ-ċirkustanzi partikolari ta' dan il-każ, il-Kummissjoni għandha indikazzjonijiet li l-prezzijiet x'aktarx jibqgħu 'l fuq mill-PMI fuq il-medda medja sa twila ta' żmien. Għaldaqstant, hija tqis ir-riskju ta' koordinazzjoni bejn iż-żewġ produtturi esportaturi bħala insinifikanti, u li l-possibbiltà ta' rieżami interim f'każ ta' bidla fiċ-ċirkustanzi hija mod aktar proporzjonat biex tindirizza dan ir-riskju. Għaldaqstant, dan l-argument ma ġiex aċċettat.

(36) Il-livell ta' kooperazzjoni kien għoli peress li l-importazzjonijiet taż-żewġ produtturi esportaturi li kkooperaw kienu jikkostitwixxi 100 % tal-esportazzjoni totali mir-RPĊ lejn l-Unjoni matul il-PI. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni ddeċidiet li tistabbilixxi marġini tad-dumping madwar il-pajjiż kollu fil-livell tal-kumpoanija li kkooperat bl-oġħla marġini tad-dumping.

(37) Fuq din il-bażi, il-marġini ta' dumping definittiv għar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina huma emendati kif ġej:

Pajjiż	Il-kumpanija	Marġni ta' dumping definittiva
Ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina	Baoshan Iron & Steel Co., Ltd., Shanghai	21,5 %
	Wuhan Iron & Steel Co., Ltd., Wuhan	54,9 %
	Il-kumpaniji l-oħra kollha	54,9 %

4. **Il-Ġappun**

4.1. *Il-valur normali*

(38) Fl-assenza ta' kummenti, id-determinazzjonali tal-valur normali kif stabbilit fil-premessi (84) u (85) tar-Regolament provviżorju, hija kkonfermata.

4.2. *Il-prezz tal-esportazzjoni*

(39) Fl-assenza ta' ċerti kummenti, id-determinazzjonali tal-prezz tal-esportazzjoni kif stabbilit fil-premessi (86) sa (88) tar-Regolament provviżorju, hija kkonfermata.

4.3. *Paragun*

(40) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra fir-rigward tat-tqabbil tal-valur normali u l-prezzijiet tal-esportazzjoni, il-premessi minn (89) sa (92) tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

4.4. *Marġinijiet tad-dumping*

(41) Billi ma kien hemm l-ebda kumment ieħor fir-rigward tal-marġni tad-dumping, il-premessi (93) sa (95) tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

5. **Il-Federazzjoni Russa**

5.1. *Il-valur normali*

(42) Il-produzzjoni kollha tal-prodott ikkonċernat fir-Russja kienet tinkludi GOES konvenzjonali u fis-suq tal-Unjoni kien jinbiegħu kwalitajiet kemm primi kif ukoll mhux primi. Il-produttur esportatur Russu sostna li aġġustament għall-valur normali għandu jsir biex jittieħed kont tal-fatt li kienu esportati gradi mhux primarji lejn is-suq tal-Unjoni bi prezzijiet aktar baxxi minn dawk tal-gradi primarji.

(43) Il-Kummissjoni kkonsidrat il-possibbiltà ta' aġġustamenti għall-valur normali tal-gradi mhux primarji. Għandu jiġi osservat li, kif mitlub mill-produttur esportatur, saret differenzjazzjoni fl-istadju provviżorju bejn il-gradi primarji u dawk mhux primarji ta' gradi fejn il-prezzijiet u l-ispejjeż ta' kull grad kienu separati sabiex jiġi żgurat tqabbil ġust. Din id-differenzjazzjoni għall-iskop li jiġi żgurat tqabbil ġust bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni għandha tibqa'.

(44) Madankollu, mhuwiex iġġustifikat aġġustament tal-valur normali nnifsu f'termini ta' tnaqqis fl-ispejjeż tal-produzzjoni ta' gradi mhux primarji. Aġġustament bħal dan ikun ifisser li proporzjon sostanzjali tal-ispejjeż ma għandux ikun allokat għall-prodott ikkonċernat waqt li kienu mġarrba b'rabta ma' dak il-prodott. Il-valur normali tat-tipi kollha tal-prodotti kien ikkalkulat fuq il-bażi tad-dejta attwali sottomessa mill-produttur esportatur u verifikata fuq il-post. Il-Kummissjoni vverifikat it-tqassim tal-ispejjeż u ma hemm l-ebda raġuni biex tiġġustifika d-distribuzzjoni artifiċjali ta' dawn l-ispejjeż jew aġġustamenti oħra. Xi differenzi fil-prezzijiet bejn it-tipi ta' prodotti differenti huma neċessarjament meqjusa bħala valur normali huma ddeterminati skont it-tip ta' prodott. Għalhekk din id-dikjarazzjoni m'għandhiex tiġi milqugħha.

(45) Il-kumpanija sostniet li d-differenzi f'marġni ta' dumping ta' bejn il-gradi primarji u mhux primarji juru dan il-punt. Madankollu, huwa pjuttost normali għal gruppi differenti ta' tipi ta' prodotti li jkollhom marġni differenti tad-dumping minn oħrajn. Differenza fil-marġni ta' dumping ma tistax tiġġustifika aġġustament tal-valur normali. Din id-dikjarazzjoni m'għandhiex tiġi milqugħha.

(46) L-industrija tal-Unjoni ddikkjarat li l-Kummissjoni wettqet żball li ma għamlet l-ebda aġġustament fl-ispejjeż tal-produzzjoni tal-produtturi Russi skont l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku. Hija sostniet ukoll li, anki jekk il-Kummissjoni tikkonkludi li l-produtturi Russi jitolbu prezzijiet simili fi ħdan il-grupp meta mqabbla ma' dawk tal-bejgħ estern, il-mistoqsija hija jekk il-prezzijiet ta' tranżazzjoni fi ħdan il-grupp jirriflettux b'mod raġonevoli l-ispejjeż kollha assoċjati mal-prodott inkwistjoni. Il-Kummissjoni qabblet dawn il-prezzijiet mal-prezzijiet għal partijiet terzi u, fuq din il-bażi, stabbiliet li l-prezzijiet tax-xiri tal-materja prima miż-żewġ produtturi Russi relatati saru bil-prezzijiet tas-suq matul il-perjodu ta' investigazzjoni u għalhekk jirriflettu l-kostijiet normali tax-xiri. Barra minn hekk, l-investigazzjoni ma żvelat ebda indikazzjoni li l-ispejjeż globali ma kinux riflessi fl-iffissar tal-prezzijiet. L-ebda aġġustament għalhekk ma kien meqjus neċessarju.

(47) Fl-assenza ta' kummenti oħra dwar il-valur normali, il-premessi (98) u (99) tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

5.2. *Il-prezz tal-esportazzjoni*

(48) Produttur esportatur Russu sostna li l-esportazzjonijiet ta' materjal tat-tielet grad għandha tiġi eskluża mill-kalkolu tad-dumping. Madankollu, il-materjal tat-tielet grad huwa wkoll il-prodott ikkonċernat, ma hemmx bażi biex teskludi dawn il-prodotti. Għalhekk din id-dikjarazzjoni m'għandhiex tiġi milqugħha.

(49) Il-produttur Russu ddikjara li l-aġġustamenti tal-qligħ u l-SGA tal-importatur relatat (Novex) mhumiex ġustifikati u indika li ma jaqbilx mal-interpretazzjoni tal-Kummissjoni tal-Artikoli 2(8) u 2(9) tar-Regolament bażiku f'dan ir-rigward.

(50) Il-produttur esportatur Russu argumenta li aġġustament għall-SGA u l-qligħ skont l-Artikolu 2(9) hu meħtieġ biss meta t-termini tal-bejgħ jirrikjedu li prodott ikun fornut bi ħlas tad-dazji. Min-naħa l-oħra, meta jinbiegħu l-prodotti bid-dazju mhux imħallas, japplika l-Artikolu 2(8), jiġifieri ma jkun ġustifikat ebda tnaqqis tal-SGA u l-profitt. Il-produttur esportatur iddikjara wkoll li Novex aġixxiet bħala "fergħa tal-esportazzjoni" tal-Grupp NLMK, Novex ma wettqitx funzjonijiet ta' importazzjoni u ma ġarrbitx spejjeż li "normalment jintrefgħu minn importatur".

(51) Madankollu, kif spjegat fir-Regolament provviżorju u kuntrarju għat-talbiet, l-investigazzjoni stabbiliet li Novex wettqet l-istess funzjonijiet tal-importazzjoni tal-bejgħ kollu tal-prodott ikkonċernat matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Fil-fatt, Novex wettaq tali funzjonijiet għal firxa akbar ta' prodotti tal-azzar minn sempliċiment il-prodott ikkonċernat. L-inkotermi differenti (DDP, DAP jew CIF) ma jbiddlux il-fatt li Novex kienet qed topera bħala importatur relatat fis-suq tal-Unjoni għal kull tranżazzjoni. Ma ġiet ipprovduta l-ebda evidenza li tista' tinvalida din il-konstatazzjoni. Huwa għalhekk ikkonfermat li l-aġġustamenti għall-SGA u l-profitt għandhom jiġu applikati skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku.

(52) Wara d-divulgazzjoni finali, il-produttur esportatur Russu sostna t-talba tiegħu li l-aġġustament skont l-Artikolu 2(9) mhuwiex iġġustifikat għal bejgħ li sar fuq il-bażi DDU/DAP. Madankollu, ma tressqet l-ebda evidenza ġdida biex issostni din id-dikjarazzjoni. Il-Kummissjoni ssostni l-fehma tagħha li l-bejgħ kollu għandu jiġi aġġustat skont l-Artikolu 2(9) minħabba li, kif spjegat fir-Regolament provviżorju, Novex kienet topera bħala importatur għat-tranżazzjonijiet kollha u l-prezzijiet minn produtturi esportaturi Russi lil Novex ma kinux affidabbli minħabba r-relazzjoni bejniethom.

(53) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra rigward il-prezz tal-esportazzjoni, il-premessa (100) tar-Regolament provviżorju hija kkonfermata.

5.3. *Paragun*

(54) Fl-assenza ta' kummenti oħra dwar it-tqabbil, il-premessi (101) u (102) tar-Regolament provviżorju, qegħdin jiġu kkonfermati.

5.4. *Marġinijiet tad-dumping*

(55) Billi ma kien hemm l-ebda kumment ieħor fir-rigward tal-marġni tad-dumping, il-premessi (103)-(105) tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

6. **L-Istati Uniti tal-Amerka**

6.1. *Il-valur normali*

(56) Fin-nuqqas ta' kummenti fir-rigward tal-valur normali fl-Istati Uniti tal-Amerika, is-sejbiet fil-premessa (107) tar-Regolament provviżorju huma b'dan ikkonfermati.

6.2. *Il-prezz tal-esportazzjoni*

(57) Fl-assenza ta' ċerti kummenti, id-determinazzjonali tal-prezz tal-esportazzjoni kif stabbilit fil-premessi (108) sa (111) tar-Regolament provviżorju, hija kkonfermata.

6.3. *Paragun*

(58) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra fir-rigward tat-tqabbil tal-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni, il-premessi (112) u (113) tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

6.4. *Marġinijiet tad-dumping*

(59) Ma sar l-ebda kumment dwar is-sejbiet provviżorji tal-Kummissjoni fir-rigward tal-produttur esportatur li kkoopera. Għalhekk, il-marġni ta' dumping, kif stipulat fil-premessi (114) sa (116) tar-Regolament provviżorju huwa kkonfermat.

7. **Il-marġnijiet ta' dumping rigward il-pajjiżi kollha kkonċernati**

(60) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-marġni ta' dumping definittivi espressi bħala perċentwali tal-prezz tal-fruntiera tal-Unjoni CIF, bid-dazju mhux imħallas, huma:

Pajjiż	Il-kumpanija	Marġni ta' dumping definittiva
Ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina	Baoshan Iron & Steel Co., Ltd., Shanghai	21,5 %
	Wuhan Iron & Steel Co., Ltd., Wuhan	54,9 %
	Il-kumpaniji l-oħra kollha	54,9 %
Il-Ġappun	JFE Steel Corporation, Tokyo	47,1 %
	Nippon Steel & Sumitomo Metal Corporation, Tokyo	52,2 %
	Il-kumpaniji l-oħra kollha	52,2 %
Ir-Repubblika tal-Korea	POSCO, Seoul	22,5 %
	Il-kumpaniji l-oħra kollha	22,5 %
Il-Federazzjoni Russa	OJSC Novolipetsk Steel, Lipetsk; VIZ STAL, Ekaterinburg	29,0 %
	Il-kumpaniji l-oħra kollha	29,0 %
L-Istati Uniti	AK Steel Corporation, Ohio	60,1 %
	Il-kumpaniji l-oħra kollha	60,1 %

D. **DANNU**

1. **Id-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni**

(61) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment ieħor fir-rigward tad-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u l-produzzjoni tal-Unjoni, il-konklużjonijiet stipulati fil-premessi (117) sa (118) tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

2. **Konsum tal-Unjoni**

(62) Produttur esportatur Ġappuniż sostna li l-użu ta' meded għad-dejta tal-konsum tal-Unjoni mhux addattat għaliex id-dejta tal-konsum tal-Unjoni m'għandhiex tinżamm kunfidenzjali bħala kwistjoni ta' prinċipju.

(63) Kif stabbilit fil-premessa (134) tar-Regolament provviżorju, l-importazzjoni tal-prodott ikkonċernat Ġappuniż fin-Netherlands kienu rrapportati taħt Kodiċi NM kunfidenzjali matul il-perjodu kunsidrat. Kienu użati firxiet biex jipproteġu l-kunfidenzjalità tad-dejta pprovduta mill-partijiet interessati. Kieku ġew provduti ċifri preċiżi minflok firxiet għad-dejta tal-konsum tal-Unjoni dan kien jippermetti lil produttur esportatur Ġappuniż li jikkalkula bl-eżatt l-importazzjonijiet mill-produttur esportatur Ġappuniż l-ieħor. Barra minn hekk, il-meded li ntużaw fir-Regolament provviżorju pprovdew lill-partijiet b'informazzjoni utli. Barra minn hekk, l-indiċijiet għall-firxiet tal-konsum tal-Unjoni jippermettu fehim tajjeb tax-xejriet tal-konsum tal-Unjoni.

(64) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment ieħor fir-rigward tal-konsum tal-Unjoni, il-konklużjonijiet stipulati fil-premessi (119) sa (124) tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

3. **Importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati**

3.1. *Valutazzjoni kumulattiva tal-effetti tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati*

(65) Żewġ produtturi esportaturi argumentaw li l-valutazzjonikumulattiva tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi rispettivi tagħhom meta mqabbla ma' dawk ta' pajjiżi kkonċernati oħra ma kinetx iġġustifikata: Wieħed mill-produtturi esportaturi Ġappuniżi argumenta li huma qed jesportaw biss tipi ta' kwalità għolja tal-prodott ikkonċernat u minħabba li l-esportazzjonijiet qed jonqsu, mhumiex qed jeżerċitaw xi tip ta' pressjoni fuq il-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni. Produttur esportatur Amerikan argumenta li l-importazzjonijiet mill-Istati Uniti naqsu b'400 % matul il-perjodu kkunsidrat u li hu minn dejjem iffissa l-prezzijiet f'livelli ferm ogħla minn dawk ta' produtturi oħrajn. Barra minn hekk, utent argumenta li tali valutazzjoni kumulattiva mhix addattata minħabba t-tnaqqis fl-importazzjonijiet u d-differenza fl-imġiba tal-prezz, apparti l-fatt li xi produttur esportatur partikolari qed ibigħ tipi tal-prodott ikkonċernat li l-produtturi tal-Unjoni u l-produtturi oħra tal-pajjiżi kkonċernati ma jbigħux.

(66) Kif stabbilit fil-premessa (132) tar-Regolament provviżorju, ġie rikonoxxut li kien hemm tnaqqis ta' importazzjonijiet mill-Ġappun u l-Istati Uniti matul il-perjodu kkunsidrat. Madankollu, dawn l-importazzjonijiet ikkontribwixxew ukoll pressjoni fuq il-prezzijiet għall-prodott ikkonċernat fis-suq tal-Unjoni. L-importazzjonijiet mill-Ġappun u l-Istati Uniti nstab li kienu soġġetti għal dumping u l-prodotti tagħhom jidher ċar li kienu f'kompetizzjoni diretta mal-prodotti tal-Unjoni u l-prodotti minn produtturi esportaturi oħra. It-tipi kollha tal-prodott ikkonċernat, inklużi t-tipi mibjugħin mill-produtturi esportaturi Ġappuniżi u Amerkani, jinbiegħu għall-użu fil-produzzjoni tal-qalba tat-transformers u jinbiegħu lill-istess grupp ta' konsumaturi relattivament limitat. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ċaħdet it-talbiet għal dekumulazzjoni.

(67) Wara d-divulgazzjoni finali, il-produttur esportatur Amerikan tenna t-talba tiegħu għad-dekumulazzjoni u allega li t-tipi tal-prodott ikkonċernat tiegħu ma jikkompetux mal-prodotti tal-industrija tal-Unjoni minħabba li dawn huma mibjugħa fis-suq tal-Unjoni biss bħala riżultat tal-kwalità għolja tagħhom meta mqabbla mat-tipi ta' prodotti tal-industrija tal-Unjoni.

(68) Minbarra l-argumenti mressqa fil-premessa (66) ta' hawn fuq dwar l-importazzjonijiet mill-Istati Uniti b'mod ġenerali, għandu jissemma' li xorta waħda ssir valutazzjoni kumulattiva fuq il-bażi tal-pajjiż kollu fir-rigward tal-ambitu sħiħ tal-prodott ikkonċernat aktar milli fuq bażi ta' kumpaniji speċifiċi u din tieħu biss inkunsiderazzjoni ċerti tipi tal-prodott ikkonċernat. Għalhekk it-talba kienet miċħuda.

(69) Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kriterji kollha stabbiliti fl-Artikolu 3(4) intlaħqu u għalhekk l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati kienu eżaminati b'mod kumulattiv għall-iskopijiet tad-determinazzjoni tad-dannu. B'hekk, il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi (125) sa (132) tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

3.2. *Il-volum u s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati*

(70) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra, il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi minn (133) sa (136) tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

3.3. *Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati u t-twaqqigħ tal-prezz*

(71) Fid-dawl tan-nuqqas ta' kummenti oħra, il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi minn (137) sa (148) tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

4. **Is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

4.1. *Rimarki ġenerali*

(72) Produttur esportatur Korean qal li l-indikaturi ta' dannu ewlenin huma distorti, peress li dawn ma jqisux biżżejjed it-taħlita tal-prodott li qed jevolvi, li jwassal għat-tnaqqis tal-prodott ikkonċernat u tal-prodott simili matul il-perjodu kkunsidrat. Dan il-produttur esportatur argumenta li, sabiex ikun hemm stampa vera u ġusta, dejta għandha tiġi mitluba mill-industrija tal-Unjoni li tipprovdi l-produzzjoni fit-tul, jew f'termini reali jew għall-inqas billi jinbnew it-tulijiet manifatturati bbażati fuq it-taħlita tal-prodott.

(73) Il-Kummissjoni kkunsidrat li l-produttur esportatur ma pprovdiex dejta li turi li l-approċċ ibbażat fuq it-tul kien jibdel xi fatturi tad-dannu. Barra minn hekk, it-tunnellaġġ huwa kejl standard tal-kwantità li jintuża għall-prodott ikkonċernat u għall-prodott simili b'rabta mal-produzzjoni, l-akkwist u l-bejgħ tiegħu. Id-dejta tal-Eurostat fuq il-prodott ikkonċernat u l-prodott simili hija wkoll espressa f'tunnellaġġ. Għaldaqstant, l-analiżi tat-tunnellaġġ kien meqjus bħala metodu preċiż u l-argument ta' din il-parti interessata huwa miċħud.

(74) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li ġiet ippreżentata istampa indikattiva ġusta permezz tal-użu tal-indikaturi tad-dannu tagħha.

4.2. *Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità*

(75) L-istess parti interessata u utent argumentaw li xi sejbiet tal-Kummissjoni fir-Regolament provviżorju kienu kontradittorji. Kif stipulat fil-premessi (220) u (222) tar-Regolament provviżorju, il-Kummissjoni spjegat, minn naħa waħda, li l-industrija tal-Unjoni qed tmexxi l-produzzjoni tagħha minn tipi tal-prodott simili konvenzjonali għal wieħed b'permeabilità għolja. Min-naħa l-oħra, kif muri fit-tabella fil-premessa (150) tar-Regolament provviżorju, il-kapaċità ta' produzzjoni żdiedet matul il-perjodu kkunsidrat (minn 486 600 tunnellata għal 492 650 tunnellata). Skont dawn il-partijiet interessati, huwa ġeneralment magħruf li żieda fl-enfasi fuq prodotti irqaq (permeabilità għolja) awtomatikament twassal għal tnaqqis fil-kapaċità tal-produzzjoni.

(76) Il-Kummissjoni ċaħdet dawn l-argumenti. L-ewwel nett, iż-żieda fil-kapaċità kienet prinċipalment ir-riżultat ta' żieda fil-kapaċità minn wieħed mill-produtturi tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat. Dan il-produttur tal-Unjoni kien qed jipproduċi biss tipi konvenzjonali tal-prodott ikkonċernat. Barra minn hekk, il-premessa (222) tar-Regolament provviżorju tirreferi prinċipalment għall-futur, mhux biss għall-perijodu kkunsidrat. Din id-dikjarazzjoni hija sostnuta b'referenza fil-premessa (196) tar-Regolament provviżorju, fejn hemm iddikjarat li "il-produtturi tal-Unjoni se jaqilbu għal taħlita tal-prodott li jitlef anqas fil-qalba."

(77) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi (150) sa (154) tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

4.3. *Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq*

(78) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra, il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi minn (155) sa (158) tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

4.4. *Indikaturi oħra tad-dannu*

(79) Fin-nuqqas ta' kummenti dwar l-iżvilupp tal-indikaturi tad-dannu l-oħrajn, li jkopru l-perjodu kkunsidrat, il-konklużjonijet stabbiliti fil-premessi (159) sa (174) tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

4.5. *Konklużjoni dwar id-dannu*

(80) Skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament bażiku, il-konklużjoni dwar id-dannu t'hawn taħt intlaħqet fuq il-bażi tad-dejta tal-PI. Il-ġbir u l-verifika tad-dejta ta' wara l-IP, min-naħa l-oħra, saret fil-qafas tal-analiżi tal-interess tal-Unjoni (ara wkoll il-premessi (110) sa (111)). It-tabella fil-premessa (170) tar-Regolament provviżorju wriet rekord ta' telf kbir u flussi ta' flus negattivi mis-sena 2012 'il quddiem. Il-konklużjoni ta' hawn taħt li l-industrija tal-Unjoni kienet f'sitwazzjoni ta' dannu matul il-PI, hija għalhekk ikkonfermata.

(81) Anki jekk id-dejta ta' wara l-IP kienet ikkunsidrata għal xi fatturi ta' dannu, b'mod partikolari l-profitti żgħar li saru fil-perjodu Jannar — Mejju 2015, dan ma jaffettwax il-konklużjoni li l-industrija tal-Unjoni tinsab f'qagħda ta' dannu.

(82) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq u fin-nuqqas ta' kull kumment ieħor, il-konklużjonijiet fil-premessi (175) sa (179) tar-Regolament provviżorju li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali matul il-perjodu kkunsidrat skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku kienu kkonfermati.

E. **KAWŻALITÀ**

5. **Effett tal-importazzjonijiet li kienu oġġett ta' dumping**

(83) Bosta partijiet iddikjaraw li l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati ma setgħux ikkawżaw id-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni, prinċipalment minħabba li hemm nuqqas ta' twaqqigħ tal-prezz. Barra minn hekk, ġie sostnut li l-produtturi tal-Unjoni f'bosta każijiet huma stess kienu qed jibdew u jkunu minn ta' quddiem fit-tnaqqis fil-prezzijiet, kemm fl-Unjoni u fi swieq oħra kbar. Produttur esportatur Ġappuniż żied li ma jkun hemm ebda żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping u l-importazzjonijiet ma jiddeprimux jew ma jrażżnux il-prezzijiet sa grad sinifikanti. Bħala riżultat, dawn l-importazzjonijiet ma setgħux ikkawżaw id-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni minħabba li ma setax kellhom pressjoni fuq il-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni. Wara d-divulgazzjoni finali, produttur esportatur Ġappuniż sostna li d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li dawn l-importazzjonijiet iddeprimew il-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni sa livell sinjifikanti m'huwiex biżżejjed sabiex jiġi stabbilit li l-importazzjonijiet ikkawżaw tnaqqis fil-prezz. Il-konklużjoni li kien hemm tnaqqis fil-prezzijiet sempliċement turi tendenza globali, li ma timplikax li l-importazzjonijiet ikkawżaw tnaqqis fil-prezz fis-suq tal-Unjoni.

(84) Kien argumentat ukoll li l-Kummissjoni għandha tikkwantifika d-dannu attwali kkawżat mill-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping u d-dannu kkawżat minn fatturi magħrufa oħra, u l-livell ta' dazju ma jistax ikun ogħla minn dak meħtieġ biex ikun eliminat id-dannu esklużivament ikkawżat mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping. Dawn il-kummenti kienu rripetuti wara d-divulgazzjoni finali.

(85) L-allegazzjonijiet li l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati ma setgħux ikkawżaw id-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni ma kinux sostnuti mill-fatti tal-investigazzjoni. Kif deskritt fil-premessi (137) sa (164) tar-Regolament provviżorju, it-tnaqqis fil-prezz medju ta' unità ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping kien madwar 30 % matul il-perjodu kkunsidrat. Bħala riżultat, dawn l-importazzjonijiet baxxew il-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni sa grad sinifikanti, li anki ġiegħel lill-produtturi tal-Unjoni sabiex inaqqsu l-prezzijiet tal-bejgħ tagħhom ferm taħt il-kost sabiex jiġu allinjati mal-livelli tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati. Barra minn hekk, hemm koinċidenza stabbilita b'mod ċar fiż-żmien bejn, minn naħa waħda, il-livell tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping bi prezzijiet dejjem jonqsu u, min-naħa l-oħra, it-telf tal-volum tal-bejgħ u d-dipressjoni fil-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni li rriżultaw f'sitwazzjoni ta' telf, kif stabbilit fil-premessi (181) sa (183) tar-Regolament Provviżorju.

(86) L-allegazzjoni li t-tnaqqis fil-prezzijiet sempliċement juri tendenza globali hija miċħuda għar-raġunijiet li ġejjin: L-ewwel nett, ma jeżistix prezz tas-suq dinji wieħed għall-prodott ikkonċernat, kif huwa l-każ ta' ċerti prodotti. It-tieni, is-sejbiet dwar id-dumping wera marġnijiet ta' dumping differenti li juru li l-livelli tal-prezzijiet huma differenti fi swieq differenti. It-tielet, l-investigazzjoni wriet li l-livelli tal-prezzijiet u ż-żidiet stmati fil-prezzijiet f'reġjuni differenti tad-dinja (għal 2014 sal-ewwel kwart tal- 2015), mhux qed jimxu bl-istess pass. Ir-raba', anki jekk ikun hemm indikazzjonijiet li kien hemm tnaqqis fil-prezzijiet f'diversi reġjuni tad-dinja matul il-perjodu ta' investigazzjoni, tnaqqis bħal dan ivarja minn reġjun għal ieħor, fejn b'mod partikolari l-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni, li huwa suq miftuħ, kif stabbilit fil-premessa (85) hawn taħt, naqsu b'mod drastiku.

(87) Anki fin-nuqqas ta' twaqqigħ, li ġie rikonoxxut fir-Regolament provviżorju, il-produtturi tal-Unjoni ma kinux f'pożizzjoni li jistabbilixxu l-prezzijiet tagħhom 'il fuq mill-ispejjeż tagħhom li wassal għal telf kbir matul il-perjodu kkunsidrat. In-nuqqas tat-twaqqigħ, li hu biss wieħed mill-fatturi li għandhom jiġu kkunsidrati fl-analiżi tad-dannu, ma jfissirx li l-importazzjonijiet soġġetti għal dumping ma setgħux ikkawżaw dannu. Il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni kienu r-riżultat ta' dipressjoni qawwija fil-prezzijiet eżerċitata mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping bi prezzijiet baxxi. Minħajr tali pressjoni qawwija fuq il-prezzijiet, ma kien hemm l-ebda raġuni għall-industrija tal-Unjoni biex tbaxxi l-prezzijiet tagħha għal livelli baxxi bħal dawn. Il-produtturi tal-Unjoni ma kellhomx għażla ħlief li jbigħu bi prezzijiet iżjed baxxi mill-ispejjeż tagħhom sabiex jiddefendu s-sehem tas-suq tagħhom u jżommu livell ta' produzzjoni ekonomiku minħabba l-pressjoni kbira eżerċitata mill-importazzjonijiet

oġġett ta' dumping fuq il-prezzijiet tal-bejgħ tagħhom. Għalhekk, dawn l-argumenti mhumiex milqugħa. Barra minn hekk, dwar l-argument li l-Kummissjoni għandha tikkwantifika d-dannu reali kkawżat mill-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping u d-dannu kkawżat minn fatturi magħrufa oħra, il-Kummissjoni kkunsidrat li, kif diġà stipulat fil-premessa (201) tar-Regolament provviżorju, il-fatturi l-oħra kollha, anke jekk jiġi kkunsidrat l-effett magħqud tagħhom, ma nstabux li jiksru r-rabta kawżali bejn id-dannu u l-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping.

(88) Rigward il-prezzijiet u l-iffissar tal-prezzijiet matul il-perjodu kkunsidrat, produttur esportatur Ċiniż sostna li l-industrija tal-Unjoni bdiet it-tnaqqis fil-prezzijiet fil-bidu tal-perjodu kkunsidrat. Utent argumenta wkoll li kompetizzjoni intensiva fil-prezzijiet kienet pjuttost l-effett dirett tal-fatt li l-Unjoni u l-produtturi esportaturi ippruvaw iżommu jew iżidu l-volumi quddiem domanda li dejjem qed tiċkien.

(89) Kif stipulat fil-premessa (158) tar-Regolament provviżorju, dawn l-argumenti huma miċħuda. L-ewwel nett, ma hemm l-ebda evidenza li l-industrija tal-Unjoni bdiet it-tnaqqis fil-prezzijiet. It-tieni, ma kienx jagħmel sens ekonomiku għall-industrija tal-Unjoni li tibda tbigħ il-prodotti b'telf kbir sakemm ma kinetx sfurzata tagħmel hekk. Fl-aħħar ta' min wieħed jiftakar li hemm koinċidenza ċara fiż-żmien bejn il-livell tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping bi prezzijiet dejjem jonqsu u t-telf tal-volum tal-bejgħ u d-dipressjoni fil-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni li rriżultaw f'sitwazzjoni ta' telf għall-produtturi tal-Unjoni.

(90) Barra minn hekk, l-esportatur produttur Ċiniż sostna li huwa diffiċli li wieħed jara kif prezzijiet ogħla, mitluba mill-produtturi esportaturi, jistgħu jikkawżaw dipressjoni fil-prezzijiet. Produttur Ġappuniż argumenta li l-Kummissjoni ma turi l-ebda korrelazzjoni bejn it-tnaqqis fil-prezz fl-Unjoni u l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mill-pajjiżi kkonċernati. Utent qajjem dubju dwar il-validità tal-argumenti prinċipali tal-Kummissjoni peress li hija ma ħaditx inkunsiderazzjoni n-nuqqas ta' twaqqigħ tal-prezz. Fl-istess kuntest, utent għamel kumment li l-kapaċità ta' produttur li jsostni ġlieda tal-prezzijiet fuq perjodu twil ta' żmien tiddependi minn numru ta' fatturi, bħalma huma l-effiċjenza, l-ispejjeż tal-produzzjoni u l-kwalità tal-prodott, minbarra d-daqs, is-saħħa u l-istrateġija tal-grupp li l-produttur jappartjeni għalih.

(91) L-argumenti tal-partijiet interessati huma miċħuda għar-raġunijiet li ġejjin. Minbarra l-kummenti magħmula fil-premessa (87), l-istrateġiji aggressivi tal-prezzijiet b'mod partikolari fis-suq tal-Unjoni jistgħu jiġu sostnuti aktar mill-produtturi esportaturi milli mill-produtturi tal-Unjoni għar-raġuni li ġejja: is-sehem mis-suq tal-produtturi esportaturi fis-swieq domestiċi tagħhom huwa ħafna ogħla mis-sehem tas-suq tal-produtturi tal-Unjoni fl-Unjoni. Is-suq tal-Unjoni huwa wkoll suq miftuħ filwaqt li s-swieq domestiċi tal-produtturi esportaturi tal-pajjiżi kkonċernati ma jistgħux jiġu ppenetrati faċilment minn kompetituri oħra, inklużi produtturi mill-Unjoni. Bħala riżultat tal-kapaċità żejda fuq is-suq dinji minħabba n-negozju li kien qiegħed jiffjorixxi matul is-snin 2003-2010, ix-xena aggressiva tal-prezzijiet bejn il-produtturi tal-Unjoni u dawk esportaturi f'kompetizzjoni bdiet matul il-perjodu kkunsidrat. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni nnutat li l-produtturi esportaturi kollha minbarra wieħed irrappurtaw kapaċità ta' produzzjoni ogħla mill-produzzjoni attwali fil-PI. Fl-aħħar, dwar il-korrelazzjoni bejn it-tnaqqis fil-prezzijiet fl-Unjoni u l-importazzjoni tal-prodott ikkonċernat, hemm korrelazzjoni diretta fir-rigward tat-tnaqqis fil-prezzijiet, għalkemm mhux sal-istess punt f'dak li jirrigwarda l-volum.

(92) Għar-raġunijiet kollha ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkunsidrat li, kif diġà stipulat fil-premessa (145) tar-Regolament provviżorju, id-dannu huwa partikolarment muri bil-limitazzjonijiet esperjenzati mill-produtturi tal-Unjoni minħabba l-pressjoni qawwija fuq il-prezzijiet eżerċitata fuq il-prezzijiet tal-bejgħ tagħhom. Din il-pressjoni sfurzathom ibigħu bi prezzijiet inqas mill-kostijiet biex jiddefendu s-sehem mis-suq tagħhom fis-suq tal-Unjoni, li ppermettielhom li jżommu livell sostenibbli ta' produzzjoni.

(93) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra fir-rigward tal-effetti tal-importazzjonijiet li kienu oġġett ta' dumping, il-konklużjonijet stabbiliti fil-premessi (181) sa (183) tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

6. **Effett ta' fatturi oħrajn**

6.1. *Il-kriżi finanzjarja*

(94) Parti interessata allegat li, kuntrarjament għall-konklużjonijiet li ntlaħqu fil-premessa (185) tar-Regolament provviżorju, l-industrija tal-Unjoni kellha prestazzjoni dgħajfa matul il-perjodu kkunsidrat, b'mod partikolari minn tnaqqis fid-domanda għal tipi konvenzjonali tal-prodott ikkonċernat fis-suq tal-Unjoni. Parti interessata oħra ddikjarat li t-tnaqqis fil-konsum tal-Unjoni b'madwar 11 % huwa element kruċjali għaliex l-industrija tal-Unjoni ma ġarrbitx dannu materjali minħabba l-importazzjonijiet tal-produtturi esportaturi. Din il-parti interessata argumentat li t-tendenza fil-mudell tal-prestazzjoni tal-industrija tal-Unjoni f'termini ta' volum ta' bejgħ issegwi preċiżament l-istess triq bħat-tnaqqis fil-konsum tal-Unjoni u għalhekk huwa l-aktar element kruċjali għad-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

(95) Kif rikonoxxut fil-premessi (121) u (156) tar-Regolament provviżorju, fil-fatt kien hemm żvilupp simili tal-konsum tal-Unjoni u l-prestazzjoni tal-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni, anke jekk it-tnaqqis fil-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni kien ftit ogħla mit-tnaqqis fil-konsum. Madankollu, kif imsemmi qabel, il-fattur kruċjali għad-determinazzjoni tad-dannu huwa li l-produtturi tal-Unjoni kienu mġiegħla jbigħu bi prezzijiet anqas mill-kostijiet. Għalhekk, id-dikjarazzjonijiet tal-parti interessata f'dan ir-rigward m'għandhomx jintlaqgħu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ssostni li l-kriżi ekonomika kkawżat tnaqqis tad-domanda fl-Unjoni kif rikonoxxut fil-premessa (184) tar-Regolament provviżorju iżda dan mhuwiex il-kawża tad-dannu. F'dan ir-rigward, filwaqt li l-konsum fl-Unjoni waqa' bejn l-2011 u l-2012, il-konsum fl-2012 kien bejn wieħed u ieħor l-istess bħal dak fl-2010. Madankollu, fl-2010, l-industrija tal-Unjoni kellha profitt ta' 14 %, filwaqt li rreġistrat telf ta' kważi 10 % fl-2012. Bħala riżultat, anke jekk il-kriżi ekonomika tat kontribut għad-dannu, ma setax jiġi konkluż li kienet se tinkser ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping u d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

(96) Il-konklużjonijiet li ntlaħqu fil-premessi (184) u (185) tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

6.2. *Il-produtturi tal-Unjoni mhumiex kompetittivi biżżejjed*

(97) Il-produttur esportatur Ċiniż allega li hemm ħafna fatturi oħra minbarra l-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping li jispjegaw l-isfidi tal-produtturi tal-Unjoni, bħal prezzijiet għoljin tal-materja prima, kummerċ tal-kwoti tas-CO2 u, forsi l-aktar importanti, l-inċertezzi ekonomiċi u l-livelli tal-konsum imnaqqsa drastikament, b'mod partikulari fin-Nofsinhar tal-Ewropa.

(98) Jista' jkun hemm żvantaġġ komparattiv għall-produtturi tal-Unjoni jekk ħafna fatturi oħrajn (inklużi prezzijiet għoljin tal-materja prima, eċċ) jitqabblu ma' dawk ta' ċertu produtturi esportaturi, bħal fir-Russja, iċ-Ċina u l-Istati Uniti tal-Amerka.

(99) Madankollu, dawn l-argumenti ma jagħtux spjegazzjoni suffiċjenti għaliex l-industrija tal-Unjoni xorta rnexxielha tikseb profitti ta' madwar 14 % fl-2010 u fis-snin ta' qabel, meta wieħed iqis li dan l-iżvantaġġ komparattiv f'termini ta' spejjeż kien l-istess fl-2010 u fis-snin ta' qabel.

(100) Għalhekk, din id-dikjarazzjoni mhix qed tiġi aċċettata.

6.3. *Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi*

(101) Fin-nuqqas ta' kummenti dwar l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, il-konklużjonijet stabbiliti fil-premessi (189) u (190) tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

6.4. *Il-prestazzjoni tal-bejgħ għall-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni*

(102) Żewġ produtturi esportaturi sostnew li d-dejta dwar l-esportazzjonijiet tal-produtturi tal-Unjoni tikkostitwixxi evidenza tal-politika aggressiva tagħhom ta' pprezzar, peress li dawn il-prezzijiet huma, b'mod sinifikanti taħt il-medja ponderata tal-prezzijiet tal-bejgħ tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni u saħansitra inqas mill-prezz tal-kost. Produttur esportatur ieħor argumenta li l-Kummissjoni suppost tissepara u tiddistingwi l-effetti dannużi tal-kriżi ekonomika u l-prestazzjoni tal-bejgħ tal-esportazzjoni batuta tal-industrija tal-Unjoni. Utent ieħor argumenta li l-konklużjoni tal-Kummissjoni li l-prestazzjoni tal-esportazzjoni ġiet miżmuma f'livell għoli, u ma kenitx deċiżiva għad-dannu tal-industrija tal-Unjoni, ma hijex sostnuta mid-dejta minħabba li l-bejgħ għall-esportazzjoni naqas bi 22,7 % filwaqt il-bejgħ domestiku żdied bi 11 % matul il-perjodu kkunsidrat.

(103) Dawn id-dikjarazzjonijiet kienu miċħuda għar-raġunijiet li ġejjin. L-inqas prezz tal-esportazzjoni tal-bejgħ għal kull unità mitlub mill-produtturi tal-Unjoni meta mqabbel ma' dik fis-suq tal-Unjoni għandu jitqies fid-dawl tal-fatt li dan jinkludi proporzjon kbir ta' GOES tat-tieni kwalità li huwa prinċipalment esportat u mibjugħ bi skont. Barra minn hekk, diġà ġie rikonoxxut fil-premessa (193) tar-Regolament provviżorju li l-andament tal-esportazzjoni kkontribwixxa għad-dannu, iżda ma kisirx ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet iddampjati u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

(104) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra rigward l-effett tal-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, il-konklużjonijet stabbiliti fil-premessi (191) sa (193) huma kkonfermati.

6.5. *Il-kapaċità żejda tal-industrija tal-Unjoni*

(105) Parti oħra interessata semmiet li l-industrija tal-Unjoni ssofri minn kapaċità żejda massiva, u li t-tnaqqis fil-volumi tal-produzzjoni mill-produtturi tal-Unjoni huwa dovut l-aktar għat-tnaqqis fil-livelli tal-konsum fl-Unjoni u t-tnaqqis qawwi fil-volumi tal-esportazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni, b'mod partikolari bejn l-2012 u l-2013.

(106) Din it-talba ġiet irrifjutata minħabba li l-allegata kapaċità eċċessiva hija aktar riżultat tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping milli kawża tad-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni, kif stabbilit fil-premessi (194) sa (197) tar-Regolament provviżorju.

(107) Fin-nuqqas ta' kummenti oħrajn rigward dan ta' hawn fuq, il-konklużjonijiet li ntlaħqu fil-premessa (194) sa (197) tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

6.6. *L-Importazzjonijiet Russi huma ta' Grad Konvenzjonali*

(108) Fin-nuqqas ta' kummenti oħrajn rigward dan ta' hawn fuq, il-konklużjonijiet li ntlaħqu fil-premessa (198) sa (199) tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

7. **Konklużjoni dwar il-kawżalità**

(109) Fl-assenza ta' kull kumment ieħor rigward il-kawżalità, il-konklużjonijiet milħuqa fi premessi (200) sa (202) tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

F. **L-INTERESS TAL-UNJONI**

1. **Kummenti preliminari**

(110) Skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament bażiku, l-informazzjoni relatata ma' perjodu sussegwenti għall-perjodu ta' investigazzjoni normalment ma għandhiex titqies. Madankollu, fil-kuntest tad-determinazzjoni jekk hemmx interess tal-Unjoni kif ikkontemplat fl-Artikolu 21(1) tar-Regolament bażiku, l-informazzjoni relatata ma' perjodu sussegwenti għall-perjodu tal-investigazzjoni tista' tiġi kkunsidrata għal dawn l-għanijiet ([1]).

(111) Kummenti marbuta mal-ħtieġa li jitqiesu żviluppi importanti wara l-perijodu ta' investigazzjoni ("post-IP") waslu kemm mingħand l-utenti kif ukoll mill-produtturi esportaturi. Il-biċċa l-kbira tal-kummenti u l-allegazzjonijiet li waslu wara l-impożizzjoni tal-miżuri provviżorji kienu dwar l-iżviluppi li ġejjin wara l-perjodu ta' investigazzjoni. Tipi tal-prodott ikkonċernat b'permeabilità għolja qed ikunu dejjem aktar skarsi fis-suq tal-Unjoni, prinċipalment minħabba d-dħul fis-seħħ tal-Grad 1 tar-Regolament dwar l-Ekodisinn (kif diġà msemmi fil-premessa (233) tar-Regolament provviżorju), iżda wkoll minħabba li l-produtturi tal-Unjoni allegatament mhumiex kapaċi jfornu s-suq bil-kwalità meħtieġa ta' dawn it-tipi ta' prodotti b'permeabbiltà għolja. Barra minn hekk, il-prezzijiet tal-prodott ikkonċernat u l-prodott simili żdiedu b'mod sinjifikanti wara l-PI. Il-Partijiet argumentaw ukoll li l-impatt tal-miżuri provviżorji fuq l-industrija tat-transformers kien issottovalutat mill-Kummissjoni, b'mod partikolari billi s-sehem tal-prodott ikkonċernat fil-kost totali tal-produzzjoni tal-utenti kien issottovalutat. Fl-aħħar nett, kien argumentat li l-produtturi tal-Unjoni reġgħu lura għall-profittabilità, b'tali mod li ma kinux jeħtieġu l-ebda protezzjoni aktar.

(112) Dawn l-allegati żviluppi wara l-PI, b'mod partikolari l-kombinazzjoni ta' bidla fil-qafas legali, żieda qawwija tal-prezzijiet u l-iskarsezza fis-suq ta' ċerti tipi ta' prodotti, jekk jiġu kkonfermati, huma, minħabba ċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ, rilevanti għall-valutazzjoni tal-interess tal-Unjoni fl-impożizzjoni ta' miżuri xierqa. Għalhekk il-Kummissjoni ddeċidiet, b'mod eċċezzjonali, li tinvestiga dawn l-iżviluppi ta' wara l-PI fil-perjodu bejn Lulju 2014 u Mejju 2015. Kif stabbilit fil-premessa (5) ta' hawn fuq, u fid-dawl tad-dikjarazzjonijiet magħmula fil-premessi (27), (224) u (239) tar-Regolament provviżorju, inġabret informazzjoni addizzjonali dwar żviluppi wara l-PI u saru żjarat għand għadd ta' utenti u produtturi tal-Unjoni wara l-impożizzjoni tal-miżuri provviżorji

([1]) Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Ottubru 2011 fil-każ Nru. T-192/08. Transnational Company "Kazchrome" AO, paragrafu 221.

2. **Interess tal-industrija tal-Unjoni**

(113) Xi partijiet interessati ddikjaraw li l-impożizzjoni tal-miżuri kienet bla bżonn peress li l-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni laħqet livelli għolja wara l-PI minħabba ż-żieda sinifikanti fil-prezzijiet u li s-suq kien irregola lilu nnifsu. Bħala riżultat ta' dan, l-industrija tal-Unjoni allegatament ma kinetx għadha qed iġġarrab ebda dannu wara l-PI.

(114) Kif stabbilit fil-premessa (5) hawn fuq, tmien verifiki addizzjonali fuq il-post ġew imwettqa sabiex jivverifikaw dawn l-allegazzjonijiet. Dawn il-verifiki wrew li l-profitabbiltà ta' kull produttur individwali tvarja, iżda bħala medja, il-produtturi tal-Unjoni kienu qegħdin jirreġistraw telf li jammonta għal – 16,6 % matul il-perjodu Lulju-Diċembru 2014 u reġgħu lura għal profitt ta' 1,1 % matul il-perjodu Jannar — Mejju 2015. Għalhekk, ġie konkluż li l-irkupru tal-industrija tal-Unjoni kien modest wara l-PI. Dawn il-persentaġġi huma l-medja taċ-ċifri tal-profittabilità ponderati qabel it-taxxa għall-produtturi kollha tal-Unjoni, kif muri fid-dikjarazzjonijiet rispettivi tal-introjtu tagħhom għall-perjodu Jannar — Mejju 2015, espressi bħala persentaġġi b'rabta mal-bejgħ tagħhom fl-Unjoni lil konsumaturi mhux relatati.

(115) Wara d-divulgazzjoni finali, assoċjazzjoni tal-utenti ddikjarat li l-produtturi tal-Unjoni ma għadhomx jiffaċċjaw sitwazzjoni dannuża, peress li dawn ikunu qed joperaw bil-potenzjal kollu tagħhom u bilkemm jistgħu jsegwu d-domanda. Utent għamel kumment simili, jiġifieri li minħabba l-persistenza ta' żidiet fil-prezzijiet kienu qed jistennew li jaraw marġni ta' profitt ogħla minn 5 % diġà matul ir-rebbiegħa tal-2015.

(116) Madankollu, skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament bażiku, il-konklużjoni dwar id-dannu ntlaħqet fuq il-bażi tad-dejta tal-PI. Il-ġbir u l-verifika tad-dejta ta' wara l-IP, min-naħa l-oħra, saret fil-qafas tal-analiżi tal-interess tal-Unjoni. It-tabella fil-premessa (170) tar-Regolament provviżorju wriet rekord ta' telf kbir u flussi ta' flus negattivi mis-sena 2012 'il quddiem.

Anki b'kunsiderazzjoni tad-dejta ta' wara l-PI, l-industrija tal-Unjoni għadha f'sitwazzjoni ta' dannu: il-profitti ż-żgħar matul il-perjodu Jannar — Mejju 2015 ma jistgħux jikkumpensaw għal erba' snin konsekuttivi ta' telf ta' livell għoli. Barra minn hekk, l-analiżi tad-dannu hija bbażata fuq numru ta' fatturi, li minnhom il-profitt huwa biss wieħed minn ħafna.

(117) Il-konklużjoni li l-industrija tal-Unjoni kienet f'sitwazzjoni ta' dannu matul il-PI, hija għalhekk ikkonfermata. Fin-nuqqas ta' kummenti oħra dwar l-interess tal-industrija tal-Unjoni, huwa konkluż li l-impożizzjoni ta' dazji anti-dumping ikun fl-interess tal-industrija tal-Unjoni peress li jkun jippermetti lill-industrija tal-Unjoni tirkupra mill-effetti ta' dumping dannuż misjuba.

3. **Interess ta' importaturi mhux relatati**

(118) Fin-nuqqas ta' xi kummenti rigward l-interess ta' importaturi u operaturi tas-suq mhux relatati, il-premessi minn (208) sa (212) tar-Regolament provviżorju huma kkonfermati.

4. **Interess tal-utenti**

4.1. *Introduzzjoni*

(119) Kif spjegat fid-dettall fil-premessi (5) u (6), l-informazzjoni addizzjonali dwar żviluppi wara l-PI kienet miġbura mingħand l-utenti u saru żjarat għand ħames utenti ewlenin, li pprovdew informazzjoni estensiva wara l-impożizzjoni ta' miżuri provviżorji.

(120) Parti waħda interessata argumentat li tirrappreżenta sehem kbir ħafna tal-industrija tat-transformers tal-Unjoni, li tikkonsisti minn kumpaniji żgħar, medji u kbar li jipproduċu f'ħafna Stati Membri tal-Unjoni. Din il-parti interessata sostniet li hemm ħafna kumpaniji ta' daqs żgħir u medju, li se jintlaqtu bl-aktar mod qawwi mill-miżuri. F'dan il-kuntest, l-assoċjazzjoni li tirrappreżenta l-kumpaniji Taljani tat-transformers stqarret li 60 % tal-bejgħ kollu fl-Italja huwa magħmul minn kumpaniji ta' daqs żgħir u medju tat-transformers.

(121) Id-dikjarazzjoni li hemm ħafna kumpaniji tat-transformer ta' daqs żgħir u medju (SME) li se jintlaqtu l-aktar mill-miżuri ma setgħetx tiġi vvalutata b'mod sistematiku minħabba nuqqas ta' provi. Madankollu, l-allegazzjoni tidher plawżibbli fid-dawl tal-informazzjoni miġbura mill-ħames utenti vverifikati, li wieħed minnhom huwa SME.

4.2. *Nuqqasijiet fil-provvista u differenzi fil-kwalità*

(122) Wara l-impożizzjoni tal-miżuri provviżorji, bosta utenti ddikjaraw li d-disponibbiltà ta' tipi b'permeabilità għolha fl-Unjoni hija limitata u li s-sitwazzjoni marret għall-agħar wara l-PI. Huma allegaw li din id-dosponibbiltà limitata hi dovuta għal żbilanċ dejjem jikber bejn in-nata tal-foriniment u d-domanda dejjem tikber ta' utenti għal dawn it-tipi partikolari tal-prodott ikkonċernat. F'dan il-kuntest, huma argumentaw ukoll li l-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni ma tkunx suffiċjenti biex tissodisfa d-domanda dejjem tikber fis-suq tal-Unjoni u li l-ebda sorsi alternattivi oħra ma huma disponibbli, apparti mill-produtturi esportaturi. Barra minn hekk, huma sostnew li, minkejja d-deċiżjoni strateġika tal-produtturi tal-Unjoni li jibdew jipproduċu proporzjonalment iktar tipi b'permeabilità għolja tal-prodott ikkonċernat milli dawk konvenzjonali, tali bidla se tieħu ż-żmien minħabba l-ħtieġa li jinbena u jiġi approfondit l-għarfien espert tekniku meħtieġ. Barra minn hekk, xi utenti stqarrew li kull miżura anti-dumping li tiġi adottata kontra importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati se jkollha impatt negattiv ulterjuri fuq id-disponibbiltà ta' tipi b'permeabilità għolja fl-Unjoni, minħabba d-distakk fil-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità teknika ta' livell għoli tal-produtturi tal-Unjoni. F'dan il-kuntest, l-industrija tal-Unjoni argumentat li m'hemm l-ebda rekwiżit legali biex ifornu d-domanda sħiħa tal-Unjoni għal tipi partikolari.

(123) Id-dejta ta' wara l-PI uriet li l-produtturi tal-Unjoni għadhom mhumiex kapaċi jfornu d-domanda totali għal kull tip ta' GOES b'permeabilità għolja, b'mod partikolari t-tipi ta' prodott b'telf massimu fil-qalba ta' 0,90 W/kg u iktar baxx. Barra minn hekk, ġe nnutat dewmien li akkumula fil-produzzjoni u dewmien fil-kunsinni għal dawn it-tipi minkejja li qabel ġew miftiehma t-termini dwar il-kunsinni, b'mod partikolari wara l-PI. Produttur esportatur Korean, li waqt il-PI kien qed jesporta tipi b'permeabilità għolja tal-prodott ikkonċernat, waqqaf l-esportazzjoni tiegħu lejn l-Unjoni wara l-PI. Ir-raġunijiet għal dan il-waqfien mhumiex magħrufa. Ir-raba', huwa mistenni li d-domanda ta' fuq nett għat-tipi b'permeabilità għolja tal-prodott ikkonċernat se tkompli tiżdied minħabba l-implimentazzjoni tal-ewwel grad tar-Regolament tal-Ekodisinn li daħal fis-seħħ f'Lulju 2015, kif stabbilit lil hinn mill-premessa (140) 'il quddiem.

(124) Fir-rigward tal-għarfien espert tekniku u kwistjonijiet ta' kwalità, diversi utenti kkummentaw li, anke f'każijiet fejn l-industrija tal-Unjoni pproduċiet GOES b'telf massimu fil-qalba garantit li kien mitlub, il-prodott bl-istess telf fil-qalba li nxtara mill-produtturi esportaturi huwa ġeneralment ta' kwalità ogħla f'termini ta' telf fil-qalba u l-prestazzjoni tal-istorbju.

(125) L-evidenza ppreżentata mill-utenti, relatata mal-perjodu ta' wara l-PI, ġibdet l-attenzjoni għal kwistjonijiet ta' kwalità li ltaqgħu magħhom, l-aktar mal-produtturi tal-Unjoni. Dawk l-utenti setgħu jsostnu l-argumenti tagħhom b'evidenza, fuq il-bażi ta' statistika interna u verifiki tekniċi.

(126) Wara d-divulgazzjoni finali, utent argumenta li n-nuqqas ta' tipi b'permeabilità għolja tal-prodott ikkonċernat huwa r-riżultat dirett ta' nuqqas ta' investiment min-naħa tal-produtturi tal-Unjoni. Dan l-utent allega li huwa purament spekulazzjoni jekk l-industrija tal-GOES tal-UE hux se tinvesti fil-produzzjoni ta' GOES ta' grad għoli jew le. Utent ieħor allega li mhuwiex kredibbli li l-produtturi tal-UE issa se jiksbu l-kwalità u l-kapaċità li jaqdu l-ħtiġijiet tal-utenti tal-UE fuq terminu qasir jew medju ta' żmien.

(127) Wara d-divulgazzjoni finali, utent allega li l-kwistjoni tal-iskarsezza — kuntrarjament għall-proċediment attwali — kienet waħda mill-aktar raġunijiet konvinċenti biex ma jiġux introdotti miżuri fil-valutazzjonmi tal-interess tal-Unjoni fil-każ tal-Fibri Interrotti tal-Poliester peress li l-industrija tal-Unjoni ma kinitx f'pożizzjoni li tagħmel l-isforzi meħtieġa biex tissodisfa d-domanda tal-Unjoni ([1]).

(128) Il-każ tal-Fibri Interrotti tal-Poliester u l-każ preżenti ma jistgħux jitqabblu għal żewġ raġunijiet. Għall-kuntrarju ta' dan il-proċediment, l-ilment ġie rtirat fil-każ tal-Fibri Interrotti tal-Poliester. Konsegwentement, it-test tal-interess tal-Unjoni kien differenti. Fejn l-ilment hu irtirat, l-Artikolu 9(1) jipprovdi li l-proċediment jista' jiġi terminat sakemm din it-terminazzjoni ma tmurx kontra l-interess tal-Unjoni. Fil-każ preżenti, japplika l-Artikolu 21(1) li jipprovdi li ma jistgħux jiġu applikati miżuri, […] meta l-awtoritajiet, fuq il-bażi tal-informazzjoni kollha ppreżentata, jistgħu jikkonkludu b'mod ċar li ma jkunx fl-interess tal-Unjoni li dawn il-miżuri jiġu applikati.

([1]) ĠU L 160, 19.6.2007, p. 32, premessa (20)

(129) Differenza oħra fil-konfront tal-Fibri Interrotti tal-Poliester kienet li l-produtturi tal-Unjoni fil-każ tal-Fibri Interrotti tal-Poliester kienu qed ibiddlu l-prodott ikkonċernat ([1]) fi prodotti oħra (mhux il-prodott konċernat). F'dan il-każ, għall-kuntrarju, il-produtturi tal-Unjoni qed jippruvaw ilaħħqu billi jipproduċu aktar u aktar it-tipi għolja ta' permeabilità.

(130) Il-Kummissjoni ma tistax tipprevedi jekk il-produtturi tal-UE hux se jiksbu l-kwalità u l-kapaċità biex jaqdu l-ħtiġijiet tal-utenti tal-UE fil-futur prevedibbli, b'mod partikolari rigward id-disponibilità ta' xi tipi ta' GOES b'permeabilità għolja. Imma l-investigazzjoni dwar anti-dumping m'għandhiex l-objettiv li trawwem politika industrijali; l-għan tagħha hu biss li ġġib lura l-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusta bejn l-Unjoni u produtturi esportaturi.

(131) Madankollu, il-verifika wriet li l-produtturi tal-Unjoni kienu qed jinvestu fil-produzzjoni ta' tipi ta' prodott ikkonċernati b'permeabilità għolja, għalkemm dan kien diffiċli minħabba s-sitwazzjoni ekonomika diffiċli tal-produtturi tal-Unjoni matul il-perjodu kollu kkunsidrat. Produttur wera evidenza dwar linja ta' produzzjoni ġdida ta' GOES ta' livell għoli f'Awwissu tal-2015.

(132) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, huwa konkluż li d-disponibbiltà ta' tipi ta' permeabbiltà għolja fl-Unjoni kien limitat matul il-PI, u li s-sitwazzjoni marret għall-aħar wara l-PI prinċipalment minħabba ż-żieda fid-domanda bħala riżultat tad-dħul fis-seħħ tal-Grad 1 tar-Regolament tal-Ekodisinn.

4.3. *Żidiet fil-prezz*

(133) Produttur esportatur allega li l-prezzijiet tal-prodott ikkonċernat wara l-PI żdied fil-medda ta' 50 sa 70 % meta mqabbel mal-prezzijiet medji tal-bejgħ tal-prodott ikkonċernat matul il-perjodu kkunsidrat. Produttur esportatur ieħor allega li l-prezzijiet żdiedu bejn Marzu 2014 u Marzu 2015 b'madwar 30 %, ibbażat fuq l-indiċi pubbliċi. Waslu kummenti simili minn ħafna utenti. Pereżempju, utent minnhom qal li l-prezzijiet żdiedu b'madwar 8 u 25 % meta mqabbla mal-prezzijiet għat-tieni nofs tal-2014 u l-ewwel nofs tal-2015 mal-prezzijiet matul il-perjodu kkunsidrat. Utent ieħor argumenta pereżempju li ż-żidiet fil-prezz għal April 2015 kienu aktar minn 45 % għat-tipi tal-prodott ikkonċernat b'permeabilità għolja u aktar minn 25 % għat-tipi konvenzjonali, meta mqabbla ma' Ġunju tal-2014. Dan l-utent allega wkoll li din it-tendenza tal-prezz hija u se tibqa' sostenibbli fuq il-medda qasira, medja u twila ta' żmien. Ħafna utenti allegaw ukoll li dawn iż-żidiet fil-prezzijiet fl-aħħar mill-aħħar iwasslu għall-għeluq tal-impjanti, it-telf tal-impjiegi fi ħdan l-Unjoni u r-rilokazzjoni ta' ċerti operazzjonijiet barra l-Unjoni.

(134) Min-naħa l-oħra, parti interessata, għalkemm ammettiet iż-żidiet fil-prezzijiet wara l-perjodu ta' investigazzjoni, allegat li dawn iż-żidiet fil-prezzijiet wara l-perjodu ta' investigazzjoni kienu għadhom mhux ogħla mil-livelli tal-prezzijiet tal-2010 u l-2011.

(135) L-investigazzjoni żvelat li l-allegati żidiet fil-prezzijiet wara l-perjodu tal-PI fil-fatt seħħew. L-ewwel nett, fuq il-bażi ta' dejta mill-produtturi tal-Unjoni, bħala medja, iż-żidiet fil-prezz tal-prodott simili kienu jammontaw għal 3 % għall-perjodu Lulju — Diċembru 2014 u 14 % għall-perjodu Jannar — Mejju 2015, meta mqabbla mal-prezzijiet medji attwali matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Barra minn hekk, fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli mill-utenti li kkooperaw, ġew osservati żidiet fil-prezzijiet tal-prodott ikkonċernat ta' madwar 30 %, u għal xi tipi ta' prodotti saħansitra ogħla, matul il-perjodu ta' wara l-PI sa Mejju tal-2015.

(136) Instab li l-prezzijiet bdew jiżdiedu fit-tieni nofs tal-2014, u komplew jiżdiedu matul l-ewwel nofs tal-2015. Dawn iż-żidiet fil-prezzijiet ġew innutati kemm għat-tipi tal-prodott ikkonċernat b'permabilità għolja u kemm għat-tipi konvenzjonali u l-prodott simili. Barra minn hekk, fuq il-bażi ta' kontrolli fuq il-post fuq ċerti kuntratti konklużi bejn l-utenti u l-produtturi għat-tieni nofs tal-2015, il-prezzijiet għal dawn l-ordnijiet huma mistennija li jkunu bejn 22 % u 53,5 % ogħla milli matul il-perjodu tal-investigazzjoni.

(137) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, huwa konkluż li ż-żidiet fil-prezzijiet ġew innutati fil-perjodu ta' wara l-PI (sa Mejju tal-2015), kemm għal tipi tal-prodott ikkonċernat b'permabilità għolja u kemm għat-tipi konvenzjonali u l-prodott simili. Barra minn hekk, kif spjegat fil-premessa (133) hawn fuq, il-prezzijiet huma mistennija li jkomplu jiżdiedu matul it-tieni nofs tal-2015.

4.4. *Il-kompetittività tal-utenti tal-Unjoni*

(138) Kif stabbilit fil-premessa (228) tar-Regolament provviżorju, il-GOES bħala materjal tal-produzzjoni hu responsabbli għal madwar 6-13 % tal-kost kollu biex jinbena transformer, fuq il-bażi tal-livelli tad-dejta u tal-prezzijiet fil-PI. Produttur esportatur u diversi utenti qajmu dubju fuq dawn il-persentaġġi meta ddikjaraw li dawn

([1]) ĠU L 160, 19.6.2007, p. 31, premessa (15).

kienu jidhru ssottovalutati ħafna, anke għall-PI fejn il-prezzijiet tal-GOES kienu ferm aktar baxxi mill-perjodu ta' wara l-PI. Barra minn hekk, l-utenti kollha allegaw li l-prezzijiet bdew jiżdiedu b'mod sinifikanti wara tmiem il-perjodu tal-investigazzjoni. Il-persentaġġ ta' 6-13 % kien ibbażat fuq dejta pprovduta mill-utenti li kkooperaw, li sussegwentement ġiet verifikata u għalhekk ġustament imsemmija fir-Regolament provviżorju. Madankollu, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li, anki jekk il-persentaġġ preċiż tal-kost tal-GOES jiddependi fuq it-tip ta' transformer, iż-żieda fil-prezzijiet tal-GOES wara l-PI loġikament tirriżulta f'żieda tal-kostijiet biex jinbena t-transformer, li se jaffettwa l-pożizzjoni kompetittiva tal-produtturi tat-transformers tal-Unjoni. Madankollu, il-kompetittività tal-produtturi ta' transformers barra l-Unjoni qed tiġi affettwata wkoll minħabba l-istess xejra ta' żidiet tal-prezzijiet mit-tieni nofs tal-2014 'il quddiem għall-GOES fi swieq bħal dawk tar-RPĊ, l-Indja u l-Amerika ta' Fuq,'il quddiem, kif inhu l-każ fis-suq tal-Unjoni.

4.5. *Konklużjoni dwar l-interess tal-utenti*

(139) Il-Kummissjoni taċċetta d-dikjarazzjonijiet li l-impożizzjoni ta' miżuri se twassal għal żieda ulterjuri fil-prezzijiet tal-GOES, għad-detriment tal-utenti. Hija tikkonkludi wkoll li l-kompetittività tal-industrija tal-utenti kienu tkun affettwata b'mod aktar negattiv jekk il-miżuri kellhom jiġu imposti fil-forma ta' dazju *ad valorem*, fid-dawl taż-żidiet sinifikanti fil-prezzijiet li seħħew wara l-perjodu tal-investigazzjoni.

4.6. *Fatturi oħra*

(140) Kif stabbilit fil-premessa (233) tar-Regolament provviżorju, il-Grad 1 tar-Regolament dwar l-Ekodisinn sar applikabbli mill-1 ta' Lulju 2015 u jkopri r-rekwiżiti l-ġodda tal-ekodisinn f'dak li għandu x'jaqsam ma' transformers tal-elettriku żgħar, medji u kbar li għandhom l-għan li jtejbu l-effiċjenza enerġetika tagħhom.

(141) Wara d-divulgazzjoni provviżorja, diversi utenti kkummentaw kif ġej. L-ewwel nett, l-implimentazzjoni tal-Grad 1 twassal għal domanda akbar ta' tipi ta' GOES b'permeabilità għolja fi ħdan l-Unjoni, b'mod partikolari ta' tipi ta' GOES b'telf fil-qalba ta' 0,90W/kg u 'l isfel minn hekk. It-tieni, it-tendenza li jiġu akkwistati tipi b'permeabilità għolja bl-inqas telf fil-qalba, x'aktarx li hija irriversibbli peress li Grad 2 (b'aktar rekwiżiti stretti mill-2021) se jwassal għal aktar domanda għal tipi b'permeabilità għolja. It-tielet, pajjiżi oħra madwar id-dinja (bħar-RPĊ, l-Indja, eċċ.) huma wkoll qed jimplimentaw rekwiżiti ta' effiċjenza ta' enerġija simili, li jwassal għal domanda kbira ta' tipi ta' GOES b'permeabilità għolja fuq livell globali. Ir-raba', anki jekk huwa minnu li l-Grad 1 jista', sa ċertu punt, jiġi ssodisfat bl-użu ta' tipi konvenzjonali ta' GOES, dan jista' jwassal għal spejjeż addizzjonali għad-detriment tal-utenti, peress li jkollu jiġi ddisinjat transformer aktar voluminuż, li jirrikjedi input sostanzjalment akbar ta' inġinerija, xogħol u materjal. F'xi każijiet, l-ispeċifikazzjoni tal-prodott għal tip ta' transformer ma jippermettu bl-ebda mod l-użu tat-tipi konvenzjonali ta' GOES.

(142) Il-Kummissjoni kkunsidrat li din id-domanda li dejjem tiżdied, mhux biss fi ħdan l-Unjoni iżda wkoll madwar id-dinja, x'aktarx li se tkompli jkollha impatt negattiv fuq id-disponibilità ta' tipi b'permeabilità għolja, b'mod partikolari b'telf fil-qalba ta' 0,90 W/kg jew inqas, li x'aktarx se twassal għal żidiet oħra fil-prezz. Huwa għalhekk fl-interess pubbliku tal-Unjoni Ewropea, kif rifless fil-leġiżlazzjoni vinkolanti tal-istandards tal-prodotti, li tiġi żgurata provvista suffiċjenti ta' tipi b'permeabilità għolja għall-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tat-transformers fl-Unjoni, irrispettivament mill-oriġini tagħhom.

(143) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, huwa konklużi li l-miżuri se jwasslu għal żieda oħra sinifikanti fil-prezzijiet tal-importazzjoni lil hinn minn dawk li diġà rajna fil-perjodu ta' wara l-PI.

5. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni**

(144) Huwa konklużi li miżuri definittivi jippermettu lill-produtturi tal-Unjoni biex jerġgħu lura għal livelli ta' profitt sostenibbli. Jekk ma jiġu imposti ebda miżuri, ma jkunx ċert jekk l-industrija tal-Unjoni tkunx tista' tagħmel l-investimenti meħtieġa biex tiżviluppa ulterjorment it-tipi ta' permeabbiltà għolja tal-prodott simili li t-tnejn li huma jintalbu mill-utenti u verament huma meħtieġa biex jagħmlu t-transformers konformi mal-EkoDisinn.

(145) Fir-rigward tal-interess tal-utenti, l-impożizzjoni ta' miżuri fil-livell propost jista' jkollhom effett negattiv fuq il-prezzijiet ta' transformers u l-impjiegi tal-industrija tal-utent, iżda dan l-effett jista', taħt iċ-ċirkostanzi tas-suq kif osservat fil-PI, ma jiġix ikkunsidrat bħala sproporzjonat.

(146) Għalhekk, abbażi tal-kunsiderazzjoni tal-interessi varji meħuda kollha flimkien, huwa konklużż li ma hemm l-ebda raġuni valida kontra l-impożizzjoni ta' dazji definittivi tal-anti-dumping kontra l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġinaw fil-ħames pajjiżi kkonċernati.

(147) Wara d-divulgazzjoni finali, diversi partijiet interessati nnutaw li l-Kummissjoni rreferiet fost l-oħrajn għaż-żidiet kostanti u sinjifikanti fil-prezzijiet tat-tipi kollha matul il-perjodu ta' wara l-PI u li l-produtturi tal-Unjoni reġgħu lura għal profittabilità ta' 1,1 % matul il-perijodu Jannar-Mejju 2015. Għaldaqstant, kien allegat li l-impożizzjoni ta' dazji tmur kontra l-interess tal-Unjoni. Utent ieħor allega li minħabba ż-żieda fil-prezzijiet, partijiet kbar tal-produzzjoni tat-transformers tal-UE bħalissa qed jagħmlu t-telf, u b'mod partikolari l-SMEs, filwaqt li l-industrija tal-UE tal-GOES qed tagħmel profitti tajbin.

(148) Rigward il-profittabilità tal-produtturi tal-Unjoni, qed issir referenza għall-premessa (116). Kif stabbilit fid-dettall fil-premessi (149) u (169) hawn taħt, iż-żieda sinifikanti fil-prezzijiet fost l-oħrajn wasslet lill-Kummissjoni biex tibdel il-forma tal-miżuri biex tibbilanċja l-interessi tal-partijiet kollha. Barra minn hekk, kif diġà ssemma iktar 'il fuq, il-Kummissjoni tfakkar li d-dannu jiġi vvalutat fuq il-bażi tad-dejta tal-PI, filwaqt li d-dejta ta' wara l-IP kienet użata biss fil-qafas tal-analiżi tal-interess tal-Unjoni.

(149) Madankollu, fid-dawl tal-iżviluppi ta' wara l-PI, biex ikun limitat kwalunkwe impatt serju possibbli fuq l-utenti li huma dipendenti ħafna fuq il-provvista tal-prodott ikkonċernat, b'mod partikolari t-tipi b'permeabilità għolja l-aktar avvanzati, il-Kummissjoni tqis li huwa konformi mal-interess tal-Unjoni li tbiddel il-forma tal-miżuri u li ma jiġux imposti dazji *ad valorem* iżda minflok dazji varjabbli. Jekk xi dazju fil-forma ta' dazju *ad valorem* għandu jiġi impost addizjonalment fuq iż-żidiet fil-prezz wara l-PI, l-utenti se jiġu milquta ħażin b'mod sproporzjonat, ħaġa li jkollha impatt negattiv fuq il-kompetittività tagħhom meta mqabbla mal-kompetituri tagħhom barra l-Unjoni minħabba żieda fid-domanda u l-iskarsezza fis-suq b'mod partikolari tat-tipi b'permeabilità għolja. Barra minn hekk, jista' jiġi mminat l-objettiv stabbilit fir-Regolament tal-EkoDisinn biex tiġi żgurata provvista suffiċjenti ta' tipi ta' prodott b'permeabilità għolja, minħabba l-impożizzjoni ta' miżuri fil-forma ta' dazju *ad valorem* minħabba b'mod partikolari ż-żieda fid-domanda għal tipi ta' prodott b'permeabilità għolja.

G. **IL-MIŻURI ANTI-DUMPING DEFINITTIVI**

1. **Livell ta' eliminazzjoni tad-dannu (Marġini tad-dannu)**

(150) Wara d-divulgazzjoni provviżorja u finali l-industrija tal-Unjoni kkontestat il-profitt fil-mira użat sabiex jiġi stabbilit il-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu kif stabbilit fil-premessa (245) tar-Regolament provviżorju. Din il-parti reġgħet argumentat li marġni ta' profitt ta' 14 % jkun livell ta' profitt raġonevoli u relatat mas-suq fuq il-bażi tal-marġni ta' profitt nett miksub mill-industrija tal-Unjoni fl-2010.

(151) Kif spjegat fil-premessa (243) tar-Regolament provviżorju, il-marġini ta' profitt użat biex jiġi stabbilit il-livell tal-eliminazzjoni tad-dannu jikkorrispondi mal-marġni ta' profitt li l-industrija tal-Unjoni setgħet b'mod raġonevoli tistenna li tikseb f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni, fin-nuqqas ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping. Dan kien il-perċentwali użat matul l-investigazzjoni preċedenti meta l-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni kien profittabbli. Kif imsemmi fil-premessa (242) tar-Regolament provviżorju, il-profitt medju miksub fl-2010 kien meqjus bħala eċċezzjonalment għoli, meta jitqies it-telf imġarrab mill-2011 u l-prezzijiet tal-GOES fis-suq dinji li kienu qed jogħlew ħafna, anke fl-2010. Għalhekk, huwa meqjus raġonevoli li jiġi stabbilit marġni ta' profitt fil-mira f'livell ta' 5 %.

(152) Produttur esportatur Ġappuniż talab li jinstema' mill-Uffiċjal tas-Seduta għal proċedimenti kummerċjali. Il-parti kkontestat l-applikazzjoni mill-Kummissjoni tal-Artikolu 2(9) għall-kalkoli tad-dannu, fejn stqarret li l-Artikolu 2(9) jidher taħt id-dsipożizzjonijiet tad-dumping tar-Regolament bażiku u ma jistax jintuza b'analoġija għall-kalkolu tad-dannu. Din il-parti interessata argumentat ukoll li l-ispejjeż tal-ipproċessar bħala riżultat tal-qtugħ ta' koljatura shiħ minn parti relatata fis-suq tal-Unjoni ma kellhomx jiġu mnaqqsa u li l-ispejjeż li saru wara l-importazzjoni ġew sottovalutati. Dan il-kumment kien imtenni wara d-divulgazzjoni finali. Produttur esportatur Korean kellu talba simili, fejn argumenta li ċ-ċirkolazzjoni ħielsa tal-prezz għandha tkun ibbażata fuq il-prezz realment impost mill-importaturi relatati fl-Unjoni għall-ewwel konsumaturi indipendenti fl-Unjoni.

(153) L-iskop tal-kalkolu ta' marġini ta' dannu huwa li jiddetermina jekk l-applikazzjoni għall-prezz tal-esportazzjoni tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping, ta' rata ta' dazju iktar baxxa minn dik ibbażata fuq il-marġni tad-dumping ikunx biżżejjed sabiex jitneħħa d-dannu kkawżat mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping. Din il-valutazzjoni għandha tkun ibbażata fuq il-prezz tal-esportazzjoni fil-livell tal-fruntiera tal-Unjoni, li hu meqjus bħala livell komparabbli mal-prezz tal-fabbrika tal-industrija tal-Unjoni. Fil-każ tal-bejgħ ta' esportazzjoni permezz ta' importaturi relatati, b'analoġija mal-approċċ segwit għall-kalkoli tal-marġni tad-dumping, il-prezz tal-esportazzjoni hu mibni fuq il-bażi tal-prezz tal-bejgħ mill-ġdid lill-ewwel konsumatur indipendenti aġġustat kif xieraq skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku. Peress li l-prezz tal-esportazzjoni huwa element indispensabbli għall-kalkolu tal-marġni ta' dannu u peress li dan l-Artikolu huwa l-uniku Artikolu fir-Regolament bażiku li jagħti gwida dwar kif jinħadem il-prezz tal-esportazzjoni, l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu b'analoġija hija ġġustifikata. L-Artikolu 2(9) jipprovdi wkoll il-bażi għat-tnaqqis tal-ispejjeż tal-ipproċessar peress li għandhom isiru aġġustamenti għall-ispejjeż kollha, imġarrba bejn l-importazzjoni u l-bejgħ mill-ġdid. Għalhekk, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-approċċ segwit kien preċiż u ċaħdet dawn it-talbiet.

(154) Produttur esportatur Ġappuniż ieħor allega li l-informazzjoni divulgata fid-divulgazzjoni provviżorja ma tippermettix li jsiru kummenti dwar il-korrettezza u r-relevanza tas-sejbiet tal-Kummissjoni ta' dannu. F'dan il-kuntest, fis-27 ta' Mejju 2015, il-produttur esportatur Ġappuniż talab kjarifiki u divulgazzjoni ta' ċerta informazzjoni li tħalliet barra. Huwa argumenta wkoll li r-risposta tal-Kummissjoni tal-4 ta' Ġunju 2015, naqset milli tindirizza b'mod adegwat it-talba u ma ppermettietx lill-kumpanija li tikkummenta fuq l-eżattezza u r-rilevanza tas-sejbiet dwar id-dannu. Wara d-divulgazzjoni finali, dan il-produttur esportatur Ġappuniż tenna l-argumenti tiegħu u allega li l-Uffiċjal tas-Smigħ irrakkomanda li tiġi divulgata aktar informazzjoni. It-tieni, il-kumpanija qalet li għal uħud mill-prodotti esportati tagħha f'forma ta' koljatura shiħa u mhux mirquma li għalihom il-prezzijiet tal-esportazzjoni kienu jirrappreżentaw il-valur tal-koljatura shiħa bit-trufijiet mirquma, li l-aġġustamenti għad-differenzi fiżiċi għall-prezzijiet tal-esportazzjoni tagħha għall-finijiet tal-kalkolu tal-marġni ta' dannu ma kkunsidrawx b'mod shiħ il-valur tas-suq tal-koljatura mirquma (meta mqabbel mal-koljaturi mhux mirquma) u għalhekk mhumiex konformi mar-regoli applikabbli u l-ġurisprudenza korrispondenti. Produttur esportatur Korean argumenta wkoll li nkisru d-drittijiet tad-difiża tiegħu minħabba li ġiet ipprovduta spjegazzjoni insuffiċjenti fuq il-paragun bejn it-tipi differenti tal-prodott fid-divulgazzjoni provviżorja.

(155) Fir-rigward tal-ewwel talba biex tiġi divulgata informazzjoni ulterjuri, il-Kummissjoni kkunsidrat li din ma setgħetx tiġi aċċettata peress li hija marbuta li tipproteġi l-kunfidenzjalità tal-partijiet interessati oħra, f'dan il-każ il-produtturi tal-Unjoni. Peress li ma hemm l-ebda mod ieħor sabiex tiġi protetta l-kunfidenzjalità u, fl-istess ħin, il-partijiet jiġu pprovduti b'informazzjoni utli, il-firxiet kif kienu użati fid-divulgazzjoni provviżorja huma kkunsidrati mill-Kummissjoni bħala korretti. Id-divulgazzjoni konsegwentament kienet qed tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa kollha, b'bilanċ bejn id-dritt għal informazzjoni sinifikanti, fuq naħa, u l-protezzjoni tal-kunfidenzjalità min-naħa l-oħra.

(156) Rigward il-kummenti speċifiċi mill-produttur esportatur Ġappuniż, wara d-divulgazzjoni finali, il-minuti tas-seduta quddiem l-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċeduri kummerċjali pjuttost jirreferu għal opinjonijiet diverġenti bejn il-produttur esportatur Ġappuniż u s-servizzi tal-Kummissjoni, li wasslu għar-rakkomandazzjoni tiegħu biex ikomplu d-diskussjonijiet. L-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċeduri kummerċjali ssuġġerixxa wkoll li jiġu vverifikati l-kalkoli tal-Kummissjoni bħala alternattiva għad-divulgazzjoni tad-dejta kunfidenzjali. Kienet saret laqgħa ta' segwitu mal-produttur esportatur Ġappuniż fit-30 ta' Lulju 2015 bil-għan li tiċċara u tipprovdi xi informazzjoni addizzjonali. Barra minn hekk, fid-divulgazzjoni finali kien ġiet divulgata xi informazzjoni addizzjonali (bħal pereżempju l-prezz indikattiv ta' ċertu tip ta' prodott, il-valuri u l-volumi totali tal-bejgħ tal-Unjoni) għal dan il-produttur esportatur Ġappuniż. Fl-aħħar nett, l-Uffiċjal tas-Seduta vverifika wkoll il-kalkoli tad-dannu u ma sab l-ebda irregolaritajiet jew żbalji. Dan kien ikkomunikat permezz tal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċeduri kummerċjali tal-produttur esportatur Ġappuniż.

(157) Rigward it-tieni l-aġġustament għal tirqim, seta' jsir aġġustament raġonevoli bbażat fuq l-aġġustament tal-piż (Koljaturi shaħ mhux mirquma kontra koljatura bit-trufijiet mirquma). Wara l-impozizzjoni ta' miżuri provviżorji anti-dumping, il-livell ta' dan l-aġġustament xorta ġie kkoreġut, peress li fl-istadju provviżorju l-perċentwali użati biex jiġi aġġustat il-piż ma kinux eżatti għal kollox. Il-persentaġġ tat-telf tar-rendiment li kien użat biex isir l-aġġustament kien ibbażat fuq l-evidenza miġbura matul l-investigazzjoni fuq il-post tal-produttur esportatur Ġappuniż. Wara d-divulgazzjoni finali, il-produttur esportatur Ġappuniż tenna l-kummenti tiegħu.

(158) Il-Kummissjoni kkunsidrat li dan l-aġġustament kien jirrifletti b'mod preċiż id-differenza fil-valur tas-suq bejn koljaturi mirquma u koljaturi li mhumiex. Il-kalkolu ppreżentat mill-produttur esportatur Ġappuniż ma kienx meqjus bħala preċiż, peress li ma ġiex ikkunsidrat il-piż nett tal-prodotti mirquma fil-kalkolu tad-differenza bejn il-medja tal-prezzijiet tal-koljaturi mirquma u mhux mirquma.

(159) L-istess produttur esportatur Ġappuniż sostna wkoll li d-divulgazzjoni provviżorja kien fiha xi żbalji. Fil-fatt, xi żbalji minuri fil-kalkoli ġew identifikati fid-divulgazzjoni provviżorja li ġew ikkoreġuti. Bħala riżultat ta' dawn il-korrezzjonijiet u l-korrezzjoni spjegata fil-premessa preċedenti, il-marġini ta' dannu għal din il-kumpanija Ġappuniża ġie emendat għal 39,0 %. Kif stabbilit hawn fuq, il-kalkoli ġew riveduti mill-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċeduri kummerċjali.

(160) Il-produttur u esportatur Russu argumenta li l-valuri tal-ispiża ta' produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni li ntużaw għall-kalkoli tal-bejgħ taħt il-prezz kienu għal xi tipi ta' prodotti li kienu għoljin iżżejjed, meta wieħed iqabbel ma' tipi ta' prodotti kważi identiċi. Wara d-divulgazzjoni finali, ittenna dan l-argument, li allega irregolaritajiet fil-kalkoli tal-Kummissjoni ta' twaqqigħ tal-prezzijiet u ta' bejgħ taħt il-prezz, u li ġibed l-attenzjoni għal kost ta' produzzjoni differenti b'mod sinifikanti għal żewġ tipi simili tal-prodott ikkonċernat.

(161) Madankollu l-Kummissjoni stabbiliet li d-dejta tal-kost tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni kienet preċiża. B'mod partikolari, iż-żewġ tipi simili, li kien qed jirreferi għalihom il-produttur esportatur Russu, ġew analizzati u mqabbla mal-kost tal-produzzjoni ta' tipi oħra. Kwalunkwe differenza fil-kost tal-valuri tal-produzzjoni ta' xi tipi ta' prodotti meta mqabbla ma' tipi ta' prodotti kważi identiċi tista' tiġi spjegata permezz ta' taħlita differenti ta' produtturi tal-Unjoni li jipproduċu dawn it-tipi.

(162) Barra minn hekk, il-produttur esportatur Russu iddikjara li hemm nuqqas ta' simetrija bejn il-kalkoli ta' dumping u ta' dannu f'termini tat-trattament ta' gradi mhux primarji. Id-dikjarazzjoni ġibdet l-attenzjoni għall-fatt li, kif stabbilit fil-premessa (147) tar-Regolament provviżorju, il-prodott ikkonċernat Russu "tat-tieni u t-tielet għażla" ma kienx imqabbel mal-"ewwel u t-tieni għażla" ta' prodotti tal-industrija tal-Unjoni.

(163) Il-Kummissjoni kkunsidrat il-fatt li, għall-finijiet ta' paragun ġust tat-tipi ta' prodotti, il-gradi mhux primarji ma kinux imqabbla mal-prodotti tal-industrija tal-Unjoni, la affettwa l-eżattezza tal-kalkoli tad-dumping u lanqas l-eżattezza tal-kalkoli tad-dannu. Għall-kuntrarju, f'din tal-aħħar it-tipi simili ta' prodotti biss kienu mqabbla sabiex jiġi assigurat tqabbil ġust. Għaldaqstant, dan l-argument ma ġiex aċċettat.

(164) Il-produtturi esportaturi Ċiniżi iddikjaraw li l-kalkoli tas-sottokwotazzjoni fid-divulgazzjoni provviżorja kienu żbaljati, b'mod partikolari għaliex il-kalkoli kienu allegatament abbażi tal-prezzijiet medji tal-Unjoni li ġew ipprovduti fir-Regolament provviżorju.

(165) Din it-talba ma ntlaqgħetx. Il-produttur esportatur Ċiniż ipproduċa u biegħ fl-Unjoni parti biss mit-tipi ta' prodotti, li kienu mbagħad imqabbla mal-istess tipi ta' prodott, prodotti u mibjugħa mill-produtturi tal-Unjoni għal skopijiet ta' kalkoli tas-sottokwotazzjoni. L-ebda prezz medju tal-Unjoni ma ntuża f'dawn il-kalkoli.

(166) Fin-nuqqas ta' kummenti oħrajn dwar il-livell tal-eliminazzjoni tad-dannu, u minbarra l-bidla fil-marġni tad-dannu għal produttur Ġappuniż minn 34,2 % għal 39 %, kif stabbilit fil-premessa (159), il-konklużjonijiet milħuqa fil-premessi (241) sa (246) tar-Regolament provviżorju kienu kkonfermati.

Pajjiż	Il-kumpanija	Il-marġni ta' dannu definittiv
Ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina	Baoshan Iron & Steel Co., Ltd., Shanghai;	32,9 %
	Wuhan Iron & Steel Co., Ltd., Wuhan	36,6 %
Il-Ġappun	JFE Steel Corporation, Tokyo	39,0 %
	Nippon Steel & Sumitomo Metal Corporation, Tokyo	35,9 %

Pajjiż	Il-kumpanija	Il-marġni ta' dannu definittiv
Ir-Repubblika tal-Korea	POSCO, Seoul	37,2 %
Il-Federazzjoni Russa	OJSC Novolipetsk Steel, Lipetsk; VIZ STAL, Ekaterinburg	21,6 %
L-Istati Uniti	AK Steel Corporation, Ohio	22,0 %

2. **Miżuri definittivi**

(167) Fid-dawl tal-konklużjonijiet milħuqa fir-rigward ta' dumping, dannu, kawżalità u interess tal-Unjoni, miżuri definittivi anti-dumping għandhom jiġu imposti sabiex jipprevjenu milli jiġi kkaġunat aktar dannu lill-industrija tal-Unjoni li jirriżulta minn esportazzjonijiet oġġett ta' dumping.

(168) Il-miżuri anti-dumping jistgħu jieħdu forom differenti. Filwaqt li l-Kummissjoni tuża diskrezzjoni kbira meta tagħżel il-forom tal-miżuri, l-iskop jibqa' li jiġu eliminati l-effetti ta' dannu tad-dumping. Dazju *ad valorem* stabbilit skont ir-regola ta' dazju anqas, bejn 21,5 % u 39 % kien stabbilit, kif ġej:

Pajjiż	Il-kumpanija	Il-marġini tad-dumping	Il-marġni ta' dannu	Dazju anti-dumping *ad valorem*
RPĊ	Baoshan Iron & Steel Co., Ltd, Shanghai	21,5 %	32,9 %	21,5 %
	Wuhan Iron & Steel Co., Ltd., Wuhan	54,9 %	36,6 %	36,6 %
	Il-kumpaniji l-oħra kollha		36,6 %	36,6 %
Il-Ġappun	JFE Steel Corporation, Tokyo	47,1 %	39,0 %	39,0 %
	Nippon Steel & Sumitomo Metal Corporation, Tokyo	52,2 %	35,9 %	35,9 %
	Il-kumpaniji l-oħra kollha		39,0 %	39,0 %
Il-Korea	POSCO, Seoul	22,5 %	37,2 %	22,5 %
	Il-kumpaniji l-oħra kollha		37,2 %	22,5 %
Ir-Russja	OJSC Novolipetsk Steel, Lipetsk, VIZ STAL, Ekaterinburg	29,0 %	21,6 %	21,6 %
	Il-kumpaniji l-oħra kollha		21,6 %	21,6 %
L-Istati Uniti tal-Amerka	AK Steel Corporation, Ohio	60,1 %	22,0 %	22,0 %
	Il-kumpaniji l-oħra kollha		22,0 %	22,0 %

(169) Kif stipulat hawn fuq fil-premessa (149), huwa xieraq li tinbidel il-forma tal-miżuri. Fuq il-bażi tal-fatti speċifiċi tal-każ, il-Kummissjoni tqis li dazju varjabbli fil-forma ta' prezz minimu ta' importazzjoni (PMI) huwa l-aktar forma xierqa ta' miżuri f'dan il-każ. Fuq naħa PMI bħal dan jippermetti lill-produtturi tal-Unjoni li jirkupraw mill-effetti tad-dumping dannuż. Tkun xibka ta' protezzjoni għalihom jekk jitpoġġew f'pożizzjoni li jerġgħu lura għal profittabilità sostenibbli u jiġu inċentivati biex jagħmlu l-investimenti meħtieġa biex jipproduċu proporzjonalment aktar tipi ta' prodotti tal-prodott simili b'permeabbiltà għolja. Min-naħa l-oħra, PMI bħal dan għandu jipprevjeni wkoll kull effett negattiv ta' żidiet mhux dovuti fil-prezzijiet wara l-perjodu ta' investigazzjoni li jista' jkollhom impatt negattiv sinifikanti fuq in-negozju tal-utenti. Għandu wkoll jindirizza t-tħassib tal-utenti li qed jibżgħu li jkun hemm skarsezza tal-prodott ikkonċernat, f'tipi partikolari b'telf massimu fil-qalba ta' 0,90 W/kg u taħt li huma meħtieġa ħafna biex jintlaħqu l-miri għall-effiċjenza tal-grad 1 tar-Regolament dwar l-Ekodisinn. B'mod aktar ġenerali, jipprevjeni disturbi serji fil-provvista tas-suq tal-Unjoni.

(170) Fejn l-importazzjonijiet isiru bil-prezz tal-fruntiera tal-Unjoni CIF daqs jew akbar mill-PMI stabbilit, m'għandu jitħallas l-ebda dazju. Jekk l-importazzjonijiet isiru bi prezz taħt il-PMI, id-dazju definittiv għandu jkun ugwali għad-differenza bejn il-PMI applikabbli u l-prezz nett ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju. Fl-ebda każ l-ammont ta' dazju ma għandu jkun ogħla mir-rati ta' dazju *ad valorem* stabbiliti fil-premessa (168) u fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament.

(171) Għalhekk, jekk l-importazzjonijiet isiru bi prezz taħt il-PMI, l-anqas mid-differenza bejn il-PMI applikabbli u l-prezz nett ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju u r-rati ta' dazju *ad valorem* kif indikat fl-aħħar kolonna tat-tabella fil-premessa (168) ikun irid jitħallas.

(172) Kif stabbilit fid-dettall fil-premessa (19) hawn fuq, l-investigazzjoni kopriet il-prodott ikkonċernat, kif iddefinit fil-premessa (9) u għalhekk saret analiżi komprensiva tad-dannu, analiżi tal-kawżalità u analiżi tal-interess tal-Unjoni. Fl-istess ħin, meta kienet qed tiddeċiedi dwar il-forma tal-miżura, il-Kummissjoni kkunsidrat id-differenzi fil-kwalità kif ġej: Għall-finijiet tal-applikazzjoni effettiva tal-PMI, u fuq il-bażi tal-informazzjoni miġbura matul l-investigazzjoni, il-Kummissjoni ddeċidiet li tistabbilixxi tliet kategoriji differenti tal-prodott ikkonċernat li huma distinti abbażi tat-telf massimu fil-qalba tagħhom. Ġiet ikkalkulata PMI separata għal kull waħda mit-tliet kategoriji. It-tliet kategoriji huma kif ġej:

— Tipi b'massimu tat-telf fil-qalba mhux ogħla minn 0,90 W/kg;

— Tipi b'massimu tat-telf fil-qalba għola minn 0,90 W/kg imma mhux ogħla minn 1,05 W/kg

— Tipi b'massimu tat-telf fil-qalba ogħla minn 1,05 W/kg;

(173) Tipi b'massimu tat-telf fil-qalba ta' 0,90 W/kg u anqas huma s-sottotaqsima ta' fuq tat-tipi b'permeabilità għolja tal-prodott ikkonċernat. Tipi b'telf fil-qalba ogħla minn 0,90 W/kg sa u inkluż 1,05 W/kg mhumiex fis-saff ta' fuq nett imma xorta huma tipi tal-prodott ikkonċernat b'permeabilità għolja, li huma prinċipalment prodotti b'massimu tat-telf fil-qalba ta' 1,05 W/kg. Tinkludi wkoll xi kwalitajiet mill-aħjar tat-tipi konvenzjonali tal-prodott ikkonċernat. Tipi b'massimu tat-telf fil-qalba ogħla minn 1,05 W/kg huma prinċipalment it-tipi konvenzjonali tal-prodott ikkonċernat. It-telf fil-qalba għandu jitkejjel f'Watts għal kull kilogramm bi frekwenza ta' 50 Hz u induzzjoni manjetika ta' 1,7 Tesla.

(174) Kellu jiġi stabbilit prezz li ma jagħmilx dannu jew PMI li ma jagħmilx dannu sabiex tiġi applikata din ir-regola. Għall-iskopijiet tal-kalkolu tal-prezz li ma jagħmilx dannu, tqiesu kemm il-marġnijiet tad-dumping misjuba kif ukoll l-ammonti ta' dazji meħtieġa biex jeliminaw id-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni kif stabbilit fir-Regolament provviżorju.

(175) L-PMI huma ugwali għall-medja ponderata ta':

— Fejn id-dazji huma bbażati fuq il-livell ta' eliminazzjoni ta' dannu: l-ispiża tal-produzzjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni u profitt (5 %) fir-rigward tal-produttur(i) esportatur(i) tal-Istati Uniti, il-Ġappun, ir-Russja u wieħed miċ-Ċina u;

— Fejn id-dazji huma bbażati fuq il-marġini tad-dumping: il-valur normali, inkluż it-trasport (li jintlaħaq il-prezz tal-fruntiera CIF tal-Unjoni) fir-rigward tal-produttur esportatur Korean u wieħed miċ-Ċina.

(176) Fuq il-bażi ta' din il-metodoloġija, il-PMI huma ffissati fil-livelli li ġejjin:

Pajjiżi kkonċernati	Firxa tal-prodotti	Prezzijiet minimi tal-importazzjoni (EUR/tunnellata ta' piż nett tal-prodott)
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, il-Ġappun, l-Istati Uniti tal-Amerika, il-Federazzjoni Russa, ir-Repubblika tal-Korea	Prodotti b'massimu tat-telf fil-qalba mhux ogħla minn 0,9W/kg	EUR 2 043
	Prodotti b'massimu tat-telf fil-qalba għola minn 0,9W/kg imma mhux ogħla minn 1,05 W/kg	EUR 1 873
	Prodotti b'massimu tat-telf fil-qalba ogħla minn 1,05 W/kg	EUR 1 536

(177) Wara d-divulgazzjoni finali, il-partijiet interessati għamlu l-kummenti li ġejjin.

(178) L-ewwel, assoċjazzjoni tal-utenti allegat li l-proposta tal-PMI toħloq distorsjoni tas-suq, bid-diżakkoppjament tal-livelli tal-prezzijiet fl-Unjoni mill-prezzijiet dinjija. Din l-assoċjazzjoni tal-utenti qalet li l-Kummissjoni kienet qed tiffissa l-prezzijiet għat-tipi kollha ta' GOES f'livell ogħla b'mod sinifikanti mil-livelli medji tal-prezz li l-Kummissjoni kienet ikkalkulat għall-PI flimkien mal-livelli tad-dazji stabbiliti fir-Regolament provviżorju. Din l-assoċjazzjoni ma tara l-ebda ħtieġa leġittima għall-miżuri. L-assoċjazzjoni allegat ukoll li l-PMI kienu għoljin wisq, u għalhekk għandhom jiġu adattati bilki jitnaqqsu fuq bażi annwali b'5 %.

(179) It-tieni, il-produttur esportatur Korean kien sodisfatt ukoll bil-proposta ta' PMI li kienet meqjusa bħala aktar xierqa minn dazji *ad valorem*. Madankollu, dan il-produttur esportatur sostna li l-Kummissjoni għandha tirrevedi l-metodoloġija tagħha u timponi, għal kull produttur esportatur PMI li huma stabbiliti f'livell li ma jkunx ogħla minn dak meħtieġ biex jitneħħa d-dumping dannuż ikkawżat mill-produttur esportatur (Korean).

(180) It-tielet, utent ieħor allega li l-PMI proposti huma għoljin wisq u f'kull każ ogħla mill-prezzijiet ta' importazzjoni matul il-perjodu tal-PI b'żieda mar-rati ta' dazju *ad valorem* stabbiliti fid-divulgazzjoni finali, mill-inqas għal żewġ pajjiżi (il-Korea u r-Russja) ikkonċernati. Barra minn hekk, dan l-utent allega li l-Kummissjoni ma għandhiex taċċetta l-ispejjeż kollha tal-produzzjoni bħala bażi biex jiġi kkalkolat il-livell li ma jikkawżax dannu iżda minflok taċċetta l-ispejjeż kollha li jistgħu jitħallsu minn produttur effettiv u kompetittiv GOES.

(181) Ir-raba', utent ieħor ikkummenta li hu apprezza l-għażla tal-prezz minimu ta' importazzjoni minflok dazji *ad valorem*. Madankollu, huwa talab lill-Kummissjoni biex tikkunsidra li tistabbilixxi livell jew tnejn tal-PMI. Fil-każ ta' żewġ livelli, is-separazzjoni għandha b'mod raġjonevoli tkun fil-punt ta' qtugħ approssimattiv bejn il-GOES konvenzjonali u t-tipi b'permeabilità għolja.

(182) Il-ħames, l-Industrija tal-Unjoni appoġġjat sistema ta' PMI imsejsa fuq tliet kategoriji ta' prodotti. Madankollu, l-industrija tal-Unjoni opponiet il-metodoloġija użata biex jiġu kkalkulati dawn l-PMI, peress li r-riżultat tal-metodu medju ponderat tal-Kummissjoni kien li l-PMI proposti jkunu taħt il-livell sħiħ tal-eliminazzjoni tad-dannu u bħala tali stabbiliti f'livell baxx wisq. Stqarret ukoll li l-PMI attwalment proposti bħalissa huma ferm taħt il-prezzijiet tas-suq attwali fl-UE u f'pajjiżi terzi. Għalhekk, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-kalkoli tal-PMI tagħha u tibbażahom għal kollox fuq il-livelli tal-eliminazzjoni tad-dannu għall-produtturi esportaturi kollha bi żieda ta' profitt raġonevoli (għal kull tip tal-prodott ikkonċernat li jaqa' fi ħdan il-prodott relevanti). Barra minn hekk, l-industrija tal-Unjoni tenniet il-kumment tagħha li l-Kummissjoni għandha tuża mira ta' profitt ta' 14 % li kien il-qligħ mis-sena 2010.

(183) Is-sitta, il-produttur esportatur Amerikan esprima dubji serji dwar l-utilità u l-adegwatezza tal-proposta tal-PMI tal-Kummissjoni fid-dawl tal-fatt li l-prezzijiet tas-suq tal-prodott rilevanti huma attwalment ħafna ogħla mill-PMI.

(184) Is-seba', utent ieħor iddikjara li huwa pjuttost jappoġġja l-impożizzjoni ta' prezz minimu ta' importazzjoni (PMI) fuq l-ambitu kollu tal-prodott bħala soluzzjoni ta' kompromess sabiex jiġi akkomodati domandi konfliġġenti tal-GOES u l-industiji tat-trasformers. Dan l-utent qal li l-PMI huma għoljin wisq (b'mod partikolari għat-tieni u t-tielet kategorija, meta jsir tqabbil mal-prezzijiet tal-bejgħ tal-IP, li fuqhom ġew miżjuda d-dazji *ad valorem*) u jinħoloq periklu konkret għall-industrija tal-Unjoni tat-transformers li se jkollha tħallas id-dazji qabel l-industrija tal-Unjoni tkun kapaċi tipprovdi l-ħtiġijiet tagħha.

(185) Tmienja, il-produttur esportatur Russu kien sodisfatt bil-proposta tal-Kummissjoni li tadotta dazju anti-dumping varjabbli fil-forma ta' PMI, minflok dazji *ad valorem*. Madankollu, dan il-produttur esportatur allega li l-metodoloġija attwalment proposta tal-kalkolu ta' tliet PMI differenti (ibbażata biss fuq firxiet differenti ta' telf massimu fil-qalba) mingħajr ma ssir distinzjoni la bejn il-produtturi esportaturi individwali u lanqas bejn il-pajjiżi differenti ta' oriġini, qed tikser l-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku. Għaldaqstant, dan il-produttur esportatur allega li dan il-metodu ma jivvalutax dazji tal-anti-dumping f'"ammont xieraq", u ddiskrimina kontra importazzjonijiet mir-Russja. Bl-istess mod, il-produttur esportatur Russu talab ukoll li l-Kummissjoni għandha toħloq ir-raba' kategorija tal-prodott għall-finijiet tal-kalkolu tal-prezz minimu tal-importazzjoni, li għandu jkun fih esklussivament tipi tal-prodott ikkonċernat inferjuri jew subgrade b'karatteristiċi fiżiċi komparabbli ma' dawk tat-tipi esportati' tat-"tieni" u "t-tielet għażla". Il-produttur esportatur Russu allega li l-PMI — ibbażati esklussivament fuq telf massimu fil-qalba jħallu l-produttur Russu, u fl-aħħar mill-aħħar ir-Russja bħala l-uniku sors ta' provvisti tat-tipi esportati' tat-"tieni" u "t-tielet għażla", f'pożizzjoni sostanzjalment differenti minn ta' xi pajjiżi esportaturi kkonċernati.

(186) Il-Kummissjoni analizzat fid-dettall il-kummenti kollha li saru, ser tispjega aktar taħt il-metodoloġija użata fid-dawl ta' dawn il-kummenti, u waslet għall-konklużjonijiet li ġejjin.

(187) Il-metodoloġija użata mill-Kummissjoni biex tikkalkula t-tliet PMI, kienet din li ġejja. Bħal fi kwalunkwe investigazzjoni ta' anti-dumping, il-Kummissjoni ġabret dejta għall-PI, li kienet ivverifikata, sabiex jiġu stabbiliti l-valuri normali għal kull tip ta' prodott u l-prezzijiet indikattivi mhux dannużi għall-industrija tal-Unjoni, anki hawn għal kull tip ta' prodott. Il-prezzijiet indikattivi għall-industrija tal-Unjoni kienu jikkonsistu fl-ispiża tal-produzzjoni li magħhom ġie miżjud profitt raġonevoli. Fuq il-bażi ta' din id-dejta, ġiet applikata l-metodoloġija kif stabbilita fil-premessi (169) u ta' wara. Għalhekk, ġie konkluż li l-irkupru tal-industrija tal-Unjoni kien modest wara l-PI. Barra minn hekk, ġiet ikkunsidrata r-regola tad-dazju inferjuri. Fejn id-dazji *ad valorem* kienu bbażati fuq il-marġini ta' dumping, il-valuri normali, li magħhom ġew miżjuda l-ispejjeż tat-trasport biex wieħed ikun jista' jasal għall-prezz tal-fruntiera CIF tal-Unjoni, ġew użati fil-kalkolu tal-PMI. Fejn id-dazji *ad valorem* kienu bbażati fuq il-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu, intuża l-prezz indikattiv mhux dannuż għall-industrija tal-Unjoni. Il-PMI mbagħad kienu kkalkulati bħala l-medja ponderata tal-valuri normali u l-prezzijiet indikattivi li ma jkunux ta' dannu li ġew użati. Il-fattur tal-ponderazzjoni ġie stabbilit fuq il-bażi tal-proporzjon tal-volum tal-importazzjonijiet lejn l-Unjoni mill-kumpaniji fejn id-dazju *ad valorem* huwa bbażat fuq il-marġini ta' dumping u skont il-proporzjon tal-volum ta' importazzjonijiet minn kumpaniji fejn id-dazju *ad valorem* huwa bbażat fuq il-livell tal-eliminazzjoni tad-dannu. Kull PMI huwa medja ponderata tal-prezzijiet (valur normali u prezzijiet indikattivi) ta' tipi differenti ta' prodotti fi ħdan kull waħda mit-tliet kategoriji ta' prodotti.

(188) It-tliet PIMs għat-tliet kategoriji differenti ta' prodotti japplikaw għall-produtturi esportaturi kollha u għall-pajjiżi kollha kkonċernati, jekk il-prezz CIF fuq il-fruntiera tal-Unjoni jkun l-istess jew ogħla mill-PMI (f'liema każ l-ebda dazju m'huwa pagabbli). Meta d-dazji jkunu pagabbli, i.e. meta l-prezzijiet tal-esportazzjoni jkunu taħt il-PMI, ir-rata ta' dazju applikabbli tkun inqas mid-differenza bejn il-PMI applikabbli u l-prezz nett ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju u r-rati ta' dazju *ad valorem*. Għaldaqstant, id-dazji individwali japplikaw għal kull produttur esportatur. L-ammont tat-taxxa fl-ebda każ m'għandu jkun ogħla minn rati ta' dazju *ad valorem* li huma speċifiċi għal kull produttur esportatur individwali ta' kull pajjiż ikkonċernat. Xenarju alternattiv, kif issuġġerit minn diversi partijiet interessati, kienet l-introduzzjoni ta' PMI differenti għal kull produttur esportatur. Madankollu, din se tfisser mill-inaqs 21 PMI differenti (jiġifieri tliet (3) PMI għal tliet kategoriji għal seba' produtturi esportaturi li kkooperaw), li jagħmel l-implimentazzjoni tal-miżuri diffiċli ħafna, jekk mhux ukoll imprattikabbli, għall-awtoritajiet doganali.

(189) Il-PMI kienu sussegwentament paragunati mal-prezzijiet tal-bejgħ matul il-perjodu ta' wara l-PI fis-suq tal-Unjoni. Id-dejta dwar dawn il-prezzijiet inkisbet mill-utenti u mill-industrija tal-Unjoni matul l-investigazzjoni wara d-divulgazzjoni provviżorja, kif stipulat fil-premessi (5) u (6). Din l-investigazzjoni żvelat li b'mod ġenerali l-PMI proposti, b'mod partikolari dak tal-gradi għoljin, għat-tliet kategoriji differenti tal-prodotti huma taħt il-prezzijiet tal-bejgħ wara l-PI, f'liema każ m'għandu jithallas l-ebda dazju. Kif spjegat fil-premessi (182) u (183), din il-konklużjoni tal-investigazzjoni kienet ikkorroborata mid-dikjarazzjonijiet tal-industrija tal-Unjoni, diversi utenti u l-produttur esportatur Amerikan.

(190) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni ċaħdet it-talbiet kollha fir-rigward tal-metodoloġija użata u l-livell tal-PMI.

(191) Fir-rigward tal-allegazzjoni li l-Kummissjoni qed tiffissa l-prezzijiet, il-Kummissjoni tfakkar li hija stabbilixxiet tliet PIMs għal tliet kategoriji differenti ta' prodotti li jneħħu l-effetti ta' dumping dannuż u li jipprevjenu lill-utenti minn kwalunkwe effett negattiv ta' żidiet mhux dovuti fil-prezzijiet wara l-perjodu ta' investigazzjoni, kif stabbilit fil-premessa (169) ta' hawn fuq. Il-Kummissjoni m'għandhiex toħloq tagħwiġ fis-suq għall-prezzijiet tas-suq tal-Unjoni li huma ġeneralment ogħla mill-PMI proposti, kif spjegat fil-premessa (189). Barra minn hekk, il-PMI mhumiex prezzijiet minimi, għalhekk il-produtturi esportaturi, jekk ikunu jixtiequ jagħmlu dan, xorta jistgħu jbigħu bi prezzijiet aktar baxxi mill-PMI. Għalhekk, il-produtturi esportaturi u dawk tal-Unjoni xorta jistgħu jikkompetu ma' xulxin billi jiddifferenzjaw il-prezzijiet tagħhom minn xulxin, irrispettivament mill-PMI stabbiliti.

(192) Fir-rigward tal-allegazzjoni li (wieħed jew) żewġ PMI kienu aktar xierqa mit-tliet PMI proposti, il-Kummissjoni nnutat id-differenza oġġettiva fil-prezz (madwar 170 euro għal kull tunnellata, ara l-premessa (176) għall-ewwel u t-tieni kategorija ta' prodotti, kollha komposti minn tipi b'permeabilità għolja tal-prodott ikkonċernat. Billi jkun hemm biss żewġ (2) PMIs b'punt ta' qtugħ bejn it-tipi konvenzjonali u dawk b'permeabilità għolja tal-prodott ikkonċernat, il-prezz tal-ewwel kategorija ta' prodott (jiġifieri, tipi ta' prodott b'telf massimu fil-qalba mhux ogħla minn 0,9 W/kg) bażikament jiġi kkombinat mal-prezz tat-tieni kategorija ta' prodotti, li prinċipalment tikkonsisti wkoll f'tipi ta' prodotti kkonċernati b'permeabilità għolja, għalkemm b'livell ogħla ta' telf fil-qalba. Kieku ġiet segwita metodoloġija bħal din, il-PMI tat-tipi ta' prodotti tal-aqwa kwalità b'permeabilità għolja jkunu proporzjonalment issottovalutati. Rigward l-allegazzjonijiet li l-ebda dazji individwali ma japplikaw għal kull produttur esportatur, qed issir referenza għal premessa (187) ta' hawn fuq, li tiddeskrivi l-metodoloġija li bihom dazji individwali japplikaw fil-każ li jkollu jitħallas dazju *ad valorem*.

(193) Fir-rigward tal-allegazzjoni li l-Kummissjoni m'għandhiex taċċetta għal kollox l-ispejjeż tal-produzzjoni bħala bażi biex jiġi kkalkolat il-livell li ma jikkawżax dannu, imma pjuttost l-ispejjeż kollha sostnuti minn produttur effettiv u kompetittiv, huwa mfakkar li l-kalkolu kien ibbażat fuq dejta vverifikata. Barra minn hekk, peress li din it-talba ma kinitx sostanzjata u ma ġiet ipprovduta ebda metodoloġija alternattiva kif għandhom isiru tali aġġustament fl-ispejjeż ta' produzzjoni, il-Kummissjoni ċaħditha.

(194) Is-suġġeriment li kull sena l-PMI jitnaqqsu b'5 % ma jkunx konformi mal-objettiv li t-tneħħija ta' dumping dannuż. Barra minn hekk, l-ebda evidenza ma ġiet mogħtija li tista' tiġġustifika tali tnaqqis ta' 5 % kull sena.

(195) Rigward it-talba biex tinħoloq ir-raba' kategorija ta' prodott, li jkun fiha esklużivament tipi tal-prodott ikkonċernat off-grade jew inferjuri, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-ebda punt ta' riferiment ċar ma hu disponibbli biex tiġi applikata firda ulterjuri. Barra minn hekk, il-PMI huma bbażati fuq taħlita ta' tipi ta' prodotti, irrispettivament minn jekk dawn ikunux sħaħ jew miftuqa pereżempju, u wkoll irrispettivament minn jekk dawn kinux degradati jew le. It-tliet kategoriji differenti ta' prodotti huma bbażati fuq massimu tat-telf fil-qalba, li huwa kriterju oġġettiv u nondiskriminatorju.

(196) Żewġ utenti talbu wkoll li jiġi limitat id-dewmien tal-miżuri għal perjodu iqsar minn ħames snin, u allegaw li xibka ta' protezzjoni ta' mhux aktar minn 2-3 snin mhijiex mehtieġa biex tipprovdi lill-industrija tal-GOES tal-UE b'inċentiv biżżejjed biex tinvesti fil-produzzjoni ta' GOES ta' grad għoli.

(197) Madankollu, l-utenti ma ssostanzjawx id-dikjarazzjoni tagħhom li perjodu relattivament qasir ta' 2-3 snin ikun biżżejjed biex wieħed jinvesti u jikseb tal-anqas xi redditu fuq l-investiment. Kif stipulat fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, dazju definittiv anti-dumping għandu jiskadi ħames snin wara l-impożizzjoni tiegħu.

(198) F'każ ta' bidla ta' ċirkostanzi tas-suq, ir-Regolament bażiku jipprovdi diversi għażliet. Jekk il-bidla tkun permanenti, l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku jipprovdi li jista' jintalab rieżami tal-ħtieġa għall-kontinwazzjoni ta' impożizzjoni ta' miżuri, sakemm ikun għadda perjodu raġonevoli ta' żmien ta' mill-inqas sena mill-impożizzjoni tal-miżura definittiva. Jekk il-bidla tkun temporanja, skont l-Artikolu 14(4) tar-Regolament bażiku, il-miżuri jistgħu jiġu sospiżi meta l-kondizzjonijiet tas-suq ikunu nbidlu temporanjament sal-punt li jkun improbabbli li d-dannu jissokta bħala riżultat tas-sospensjoni. Il-Kummissjoni se tevalwa b'ħeffa l-merti ta' kull talba debitament motivata magħmula taħt waħda minn dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet, sabiex jinżamm livell bilanċjat ta' protezzjoni kontra dumping dannuż.

(199) Fl-aħħar nett, it-talba tal-produttur esportatur Russu li l-PMI ma għandux jiġi eskluživament ibbażat fuq telf fil-qalba, ma ġietx aċċettata għar-raġuni li ġejja. Massimu tat-telf fil-qalba huwa kriterju oġġettiv li jiddistingwi bejn tipi differenti tal-prodott ikkonċernat, filwaqt illi d-distinzjoni bejn it-tipi tal-ewwel u t-tieni kwalità tal-prodott ikkonċernat hija pjuttost evalwazzjoni suġġettiva ħafna li tikkumplika kwalunkwe monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-miżuri. Barra minn hekk, il-PMI ma jiddistingwux bejn produtturi esportaturi individwali u pajjiżi kkonċernati, kif spjegat fid-dettall fil-premessa (187) hawn fuq.

(200) Il-miżuri tad-dazju anti-dumping ta' kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament ġew stabbiliti abbażi tas-sejbiet ta' din l-investigazzoni. Għaldaqstant, dawn jirriflettu l-qagħda li nstabet matul din l-investigazzjoni fir-rigward ta' dawn il-kumpaniji. Dawn il-miżuri huma applikabbli eskluživament għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina mill-pajjiżi kkonċernati u li huwa mmanifatturat mill-entitajiet legali msemmijin. L-importazzjoni tal-prodott ikkonċernat immanifatturat minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija b'mod speċifiku fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi entitajiet relatati ma' dawk imsemmijin b'mod speċifiku, għandhom ikunu suġġetti għall-miżuri applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha". Ma għandhomx ikunu suġġetti għal xi miżura individwali tal-anti-dumping.

(201) Kumpanija tista' titlob l-applikazzjoni ta' dawn il-miżuri anti-dumping individwali jekk tibdel l-isem tal-entità tagħha jew tistabbilixxi entità ta' produzzjoni jew ta' bejgħ ġdida. It-talba trid tkun indirizzata lill-Kummissjoni ([1]). It-talba għandu jkollha l-informazzjoni relevanti kollha, inkluża l-modifika fl-attivitajiet tal-kumpanija marbuta mal-produzzjoni, il-bejgħ domestiku u għall-esportazzjoni assoċjat ma', pereżempju, il-bidla fl-isem jew il-bidla fl-entitajiet ta' produzzjoni u bejgħ. Il-Kummissjoni se taġġorna l-lista ta' kumpaniji b'miżuri individwali tal-anti-dumping, jekk dan ikun iġġustifikat.

(202) Sabiex jitnaqqsu r-riskji ta' ċirkumvenzjoni, qed jitqies li jinħtieġu miżuri speċjali f'dan il-każ sabiex jiżguraw l-applikazzjoni xierqa tal-miżuri anti-dumping. Dawn il-miżuri speċjali jinkludu dan li ġej: il-preżentazzjoni lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri ta' fattura kummerċjali valida u ċertifikat validu tal-fabbrika, li għandu jikkonforma mar-rekwiżiti mniżżla fl-Artikoli ta' dan ir-Regolament. L-importazzjonijiet li ma jkunux akkumpanjati b'tali fattura u ċertifikat tal-fabbrika għandhom ikunu soġġetti għal rata ta' dazju *ad valorem* applikabbli għall-kumpaniji l-oħra kollha mingħajr referenza għall-prezzijiet minimi ta' importazzjoni.

(203) Jekk issir bidla fil-mudell tal-kummerċ dovuta għall-impożizzjoni ta' miżuri skont it-tifsira tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku, jista' jingħata bidu għal investigazzjoni ta' kontra l-elużjoni u, sakemm jintlaħqu l-kundizzjonijiet, jistgħu jiġu imposti dazji *ad valorem*.

(204) Barra minn hekk, sabiex ikun hemm l-aħjar salvagwardja kontra kull assorbiment possibbli tal-miżuri, partikolarment bejn kumpanniji relatati, il-Kummissjoni immedjatament tibda rieżami taħt l-Artikolu 12(1) tar-Regolament bażiku u tista' tissottoponi l-importazzjonjiet għal reġistrazzjoni skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku, jekk issib xi evidenza ta' komportament simili.

3. **Ebda ġbir ta' dazji provviżorji**

(205) M'għandhomx jinġabru d-dazji provviżorji fil-forma ta' dazji *ad valorem* li jvarjaw bejn 21,6 % u 35,9 % għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li applikaw matul il-perjodu mit-13 ta' Mejju 2015 sat-13 ta' Novembru 2015. Il-Kummissjoni kkunsidrat li, fiċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ, il-ġbir tad-dazji provviżorji, li ħadu forma differenti mid-dazji definittivi, ma jkunx konformi mal-interess tal-Unjoni, minħabba li l-prezzijiet matul dan il-perjodu kienu ġeneralment ogħla mill-PMIS stabbiliti.

(206) Il-partijiet kollha ġew mgħarrfa bil-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom kien maħsub li tiġi rrakkomandata l-impożizzjoni ta' dazji anti-dumping definittivi. Huma ngħataw ukoll perjodu ta' żmien li fih setgħu jagħmlu rappreżentazzjonijiet wara dan id-divulgazzjoni. Il-kummenti li tressqu mill-partijiet l-oħra tqiesu kif xieraq iżda ma kinux tali li wasslu biex biddlu l-konklużjonijiet.

H. **IMPENJI**

(207) Il-produttur esportatur Russu u dak Korean offrew impenji fuq il-prezz skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament bażiku. Il-produttur esportatur Korean sussegwentement irtira l-offerta ta' impenn tiegħu.

([1]) European Commission, Directorate-General for Trade, Directorate H, 1049 Bruxelles/Brussel, Belgique/België.

(208) Il-produtturi esportatur Russu jesporta żewġ tipi ta' GOES (tipi "primi" u "mhux primi", tal-aħħar ikollu pereżempju difetti superfiċjali) kollha li jaqgħu fi ħdan il-firxa ta' prodotti (prodotti b'massimu tat-telf fil-qalba ogħla minn 1,05 W/kg). Fi ħdan din il-kategorija ta' prodott, huwa talab żewġ PMI b'żieda ma' dawk stabbiliti għal dan id-dazju, biex issir distinzjoni bejn iż-żewġ tipi tal-prodott ikkonċernat li huwa qed jesporta lejn l-Unjoni. Il-produttur esportatur Russu għandu għadd ta' kumpaniji relatati fl-Unjoni, għalkemm s'issa biegħ il-prodott ikkonċernat esklussivament permezz tal-kummerċjant relatat tiegħu fl-Iżvizzera.

(209) Il-Kummissjoni vvalutat din l-offerta, fl-isfond tal-forma tal-miżuri, jiġifieri l-PMI li ġew stabbiliti għal tliet kategoriji ta' tipi ta' prodotti, applikabbli għall-produtturi esportaturi kollha mill-pajjiżi kollha kkonċernati, kif stabbilit hawn fuq fil-premessi (175) u (176). L-offerta impenjata tvarja sostanzjalment minn dan l-approċċ u se tirrikjedi miżura speċifika għall-kumpanija.

(210) Id-distinzjoni bejn prodotti primi u mhux primi tidher li hi suġġettiva ferm għall-iskop ta' miżuri ta' implimentazzjoni peress li qed jiġi propost li ssir distinzjoni bejn iż-żewġ tipi ta' prodotti b'referenza għal standard Russu. Il-Kummissjoni kkunsidrat li din tagħmel l-impenn imprattikabbli, iktar u iktar peress li dan l-istandard ikun addizzjonali għad-distinzjoni bejn it-tipi ta' prodotti bbażati fuq it-telf fil-qalba.

(211) Barra minn hekk, l-għadd kbir ta' tipi ta' prodotti (il-firxa ta' prodotti kollha tal-prodott ikkonċernat) li qed jinbiegħ fl-Unjoni kif ukoll l-istruttura tal-kumpanija tagħmel l-offerta diffiċli biex tiġi sorveljata mis-servizzi tal-Kummissjoni, b'mod partikolari fl-isfond tal-forma tal-miżuri, jiġifieri l-PMI ġenerali li ġew stabbiliti għat-tliet kategoriji ta' tipi ta' prodott minflok dazji *ad valorem* li huma aktar komuni. Fl-aħħar nett, f'dan il-każ partikolari, l-interess ġenerali tal-Unjoni u l-impatt fuq l-utenti diġà ġew ikkunsidrati mill-PMI b'mod ġenerali kif stabbilit fid-dettall fil-premessi (149) u (169). Għalhekk dan jikkostitwixxi raġuni oħra għaċ-ċaħda tal-impenn tal-prezz offrut.

(212) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, u, għal raġunijiet ta' politika ġenerali, il-Kummissjoni ċaħdet l-offerta ta' impenn tal-produttur esportatur Russu.

(213) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

(1) Dazju definittiv anti-dumping huwa imponut fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti bi grani orjentati rrumblati ċatti ta' azzar manjetiku tas-silikon, li għandhom ħxuna ta' iżjed minn 0,16 mm, li attwalment jaqgħu fil-kodiċi NM ex 7225 11 00 (Kodiċi TARIC 7225 11 00 11, 7225 11 00 15 u7225 11 00 19) u ex 7226 11 00 (Kodiċi TARIC 7226 11 00 12, 7226 11 00 14, 7226 11 00 16, 7226 11 00 92, 7226 11 00 94 u 7226 11 00 96) u li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, il-Ġappun, ir-Repubblika tal-Korea, il-Federazzjoni Russa u l-Istati Uniti tal-Amerka.

(2) L-ammont ta' dazju anti-dumping definittiv applikabbli għall-prodott deskritt f'paragrafu 1 u manifatturat mill-entitajiet imsemmija legalment kif stipulat fil-paragrafu 4 għandu jkun id-differenza bejn il-prezzijiet minimi ta' importazzjoni ffissati fil-paragrafu 3 u l-prezz nett fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, jekk dan tal-aħħar huwa aktar baxx minn dak ta' qabel. M'għandu jinġabar ebda dazju fejn il-prezz nett fil-fruntiera tal-Unjoni huwa ugwali jew ogħla mill-prezz minimu tal-importazzjoni korrispondenti ffissat fil-paragrafu 3. L-ammont tat-taxxa fl-ebda każ m'għandu jkun ogħla minn rati ta' dazju *ad valorem* stabbiliti fil-paragrafu 4.

(3) Għall-iskopijiet tal-paragrafu 2, għandu japplika l-prezz minimu tal-importazzjoni stabbilit fit-tabella hawn taħt. Fejn jinstab, wara verifika li sseħħ wara l-importazzjoni, li l-prezz nett fil-fruntiera tal-Unjoni, attwalment imħallas mill-ewwel klijent indipendenti fil-Komunità (prezz ta' wara l-importazzjoni) huwa anqas mill-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, kif irriżulta mid-dikjarazzjoni doganali u l-prezz ta' wara l-importazzjoni huwa anqas mill-prezz minimu ta' l-importazzjoni, għandu japplika ammont ta' dazju ekwivalenti għad-differenza bejn il-prezz minimu tal-importazzjoni stabbilit fit-tabella ta' hawn taħt u l-prezz ta' wara l-importazzjoni, sakemm l-applikazzjoni tad-dazju *ad valorem* stabbilita fil-paragrafu 4 flimkien mal-prezz ta' wara l-importazzjoni ma twassalx għal ammont (il-prezz attwalment imħallas flimkien mad-dazju *ad valorem*) li jibqa' anqas mill-prezz minimu tal-importazzjoni stabbilit fit-tabella hawn isfel.

Pajjiżi kkonċernati	Firxa tal-prodotti	Prezzijiet minimi tal-importazzjoni (EUR/tunnellata ta' piż nett tal-prodott)
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, il-Ġappun, l-Istati Uniti tal-Amerika, il-Federazzjoni Russa, ir-Repubblika tal-Korea	Prodotti b'massimu tat-telf fil-qalba mhux ogħla minn 0,9W/kg	EUR 2 043
	Prodotti b'massimu tat-telf fil-qalba għola minn 0,9W/kg imma mhux ogħla minn 1,05 W/kg	EUR 1 873
	Prodotti b'massimu tat-telf fil-qalba ogħla minn 1,05 W/kg	EUR 1 536

(4) Għall-iskopijiet tal-paragrafu 2, għandhom japplikaw ir-rati tad-dazju *ad valorem* stabbiliti fit-tabella hawn taħt.

Kumpanija	Dazju *Ad valorem*	Kodiċi addizzjonali TARIC
Baoshan Iron & Steel Co., Ltd., Shanghai, PRC	21,5 %	C039
Wuhan Iron & Steel Co., Ltd., Wuhan, PRC	36,6 %	C056
JFE Steel Corporation, Tokyo, il-Ġappun	39,0 %	C040
Nippon Steel & Sumitomo Metal Corporation, Tokyo, il-Ġappun	35,9 %	C041
POSCO, Seoul, ir-Repubblika tal-Korea	22,5 %	C042
OJSC Novolipetsk Steel, Lipetsk;VIZ Steel, Ekaterinburg, il-Federazzjoni Ruusa	21,6 %	C043
AK Steel Corporation, Ohio, Stati Uniti tal-Amerika	22,0 %	C044

(5) Ir-rata tad-dazju anti-dumping definittiv applikabbli għall-prodotti deskritti fil-paragrafu 1 u manifatturat minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux speċifikament imsemmija fil-paragrafu 4 għandu jkun id-dazju *ad valorem* kif stabbilit fit-tabella hawn taħt.

Il-kumpanija	Dazju *Ad valorem*	Kodiċi addizzjonali TARIC
Il-kumpaniji Ċiniżi l-oħra kollha	36,6 %	C999
Il-kumpaniji Ġappuniżi l-oħra kollha	39,0 %	C999
Il-kumpaniji Koreani l-oħra kollha	22,5 %	C999
Il-kumpaniji Russi l-oħra kollha	21,6 %	C999
Il-kumpaniji Amerikani l-oħra kollha	22,0 %	C999

(6) L-applikazzjoni tal-miżuri għall-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 4 għandha tkun soġġetta għall-preżentazzjoni lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri ta' fattura kummerċjali valida u ċertifikat tal-fabbrika,li għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I u II. Jekk la jiġi ppreżentat iċ-ċertifikat tal-fabbrika u lanqas il-fattura, għandu japplika d-dazju applikabbli għall-kumpaniji l-oħra kollha. Dan iċ-ċertifikat tal-fabbrika għandu jelenka t-telf massimu fil-qalba għal kull koljatura f'Watts kull kilogramm bi frekwenza ta' 50 Hz u induzzjoni manjetika ta' 1,7 Tesla.

(7) Għal produtturi msemmija individwalment u fil-każijiet fejn l-oġġetti jkun sarilhom xi dannu qabel ma jkunu tqiegħdu fis-suq u, għalhekk, il-prezz imħallas realment jew li jkun irid jitħallas huwa allokat għad-determinazzjoni tal-valur doganali skont l-Artikolu 145 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993, li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1), il-prezz minimu ta' importazzjoni stipulat hawn fuq, għandu jitnaqqas b'perċentwali li jikkorrispondi mal-allokazzjoni tal-prezz imħallas realment jew li jkun irid jitħallas. Id-dazju pagabbli mbagħad għandu jkun id-differenza bejn il-prezz minimu mnaqqas ta' importazzjoni u l-prezz nett imnaqqas, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel l-approvazzjoni doganali.

(8) Għall-kumpaniji l-oħra kolla u f'każijiet fejn l-oġġetti ġarrbu dannu qabel ma daħlu fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa u, għalhekk, il-prezz li tħallas attwalment jew li għandu jitħallas huwa allokat għad-determinazzjoni tal-valur doganali skont l-Artikolu 145 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93, l-ammont tad-dazju anti-dumping, maħdum abbażi tal-paragrafu 2 hawn fuq, irid jitnaqqas b'perċentwali li jikkorrispondi mal-allokazzjoni tal-prezz imħallas attwalment jew li għandu jitħallas.

(9) Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

Artikolu 2

L-ammonti miġbura permezz tad-dazju anti-dumping provviżorju skont ir-Regolament (UE) Nru 763/2015 għandhom jiġu rilaxxati.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Ottubru 2015

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS I

Trid tidher dikjarazzjoni ffirmata fil-format li ġej minn uffiċjal tal-entità li toħroġ il-fattura kummerċjali, fuq il-fattura kummerċjali valida msemmija fl-Artikolu 1(6):

— L-isem u l-funzjoni tal-uffiċjal tal-entità li toħroġ il-fattura kummerċjali,

— Id-dikjarazzjoni li ġejja: "Jiena, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li (l-volum) u t-(telf fil-qalba) tal-azzar manjetiku bi grani orjentati mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea kopert minn din il-fattura ġie mmanifatturat minn (l-isem u l-indirizz tal-kumpanija) (kodiċi addizzjonali TARIC) fi (il-pajjiż ikkonċernat). Jiena niddikjara li l-informazzjoni pprovduta f'din il-fattura huwa sħiħ u korrett."

Data u firma

ANNESS II

Trid tidher dikjarazzjoni ffirmata mill-uffiċjal tal-entità li toħroġ iċ-ċertifikat tal-fabbrika, fil-format li ġej, fuq iċ-ċertifikat tal-fabbrika valida msemmija fl-Artikolu 1(6):

— L-isem u l-funzjoni tal-uffiċjal tal-entità li toħroġ il-fattura kummerċjali,

— Id-dikjarazzjoni li ġejja: "Jiena, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li l-azzar manjetiku bi grani orjentati mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea kopert miċ-ċertifikat tal-fabbrika, li juri l-kejl tat-telf massimu fil-qalba f'Watts kull kilogramm bi frekwenza ta' 50 Hz u induzzjoni manjetika ta' 1,7 Tesla, u d-daqs f'mm, kien immanifatturat minn (isem u indirizz tal-kumpanija) (kodiċi addizzjonali TARIC) fi (pajjiż ikkonċernat). Jien niddikjara li l-informazzjoni pprovduta f'dan iċ-ċertifikat tal-fabbrika hi kompluta u korretta."

Data u firma